**MALTA**

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**
**MAĠISTRAT DR. GABRIELLA VELLA B.A., LL.D.**

**Każ Nru. 786/2018**

**Il-Pulizija**
**(Assistent Kummissarju Fabian Fleri)**
**(Spettur Lydon Zammit)**
**(Spettur Joanna Piscopo)**

**Vs**

**Luke Vella**
**Marlon Baldacchino**

**Illum 27 ta' Settembru 2024**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet[1] dedotti fil-konfront ta' **Luke Vella**, iben Brian u Sonia (Maria Assunta) neè Falzon, imwieled il-Pietà nhar il-11 ta' Diċembru 1995, u detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 520895M u ta' **Marlon Baldacchino**, iben Mark u Antonia neè Bugeja, imwieled il-Pietà nhar id-9 ta' Ottubru 2000, u detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 382700L, **flimkien** talli:

1. Fit-13 ta' Novembru 2018 u fil-ġranet ta' qabel ġewwa Malta u f'dawn il-Gżejjer, assoċjaw ruħhom flimkien ma' persuna oħra bil-għan li jagħmlu delitt/i f'Malta li għalihom hemm il-piena ta' priġunerija, u li ma kienx delitt taħt l-Att dwar l-Istampa;

2. U aktar talli nhar it-13 ta' Novembru 2018, għall-ħabta tat-20:10hrs, minn ġewwa l-istabiliment bl-isem ta' Crystal Palace, li jinsab fi Triq il-Kbira, Żabbar, irrendew ruħhom kompliċi fid-delitt ta' attentat ta' serq ikkwalifikat bil-vjolenza, bil-mezz, bil-valur li jeċċedi l-elfejn tlett mija disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) u bil-ħin, għad-dannu ta' Joseph Attard u/jew persuna/i oħra;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront ta' **Luke Vella** **waħdu**, talli:

[1] Fol. 1 u 2 tal-proċess u fol. 557 sa' 559 tal-proċess.

1. Fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi u fil-ġranet ta' wara din id-data f'dawn il-Gżejjer, kellu fil-pussess tiegħu d-droga Kokaina speċifikata fl-Ewwel Skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap.101 tal-Liġijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġa mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-dispożizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort' oħra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga imsemmija u meta ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skond ir-riċetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regoli ta' l-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap.101 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Fl-istess data, ħin, lok u ċirkustanzi u fil-ġranet ta' wara din id-data f'dawn il-Gżejjer saq vettura ta' l-għamla Smart bin-Numru ta' Reġistrazzjoni FCP-937 fit-triq, kemm-il darba għall-użu ta' din il-vettura minnu ma kinitx fis-seħħ polza ta' assikurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi;

3. U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, saq vettura ta' l-għamla Smart bin-Numru ta' Reġistrazzjoni FCP-937 meta ma kellux liċenza tas-sewqan;

4. Fl-istess data, ħin, lok u ċirkustanzi u fil-ġranet ta' wara din id-data, f'dawn il-Gżejjer naqas milli jħares il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Maġistrat Dr. A. Vella LL.D., fid-Digriet tiegħu tal-5 ta' Jannar 2018 li bih ta il-ħelsien mill-arrest taħt depożitu ta' €500 u garanzija personali ta' €5,000;

5. Fl-istess data, ħin, lok u ċirkustanzi u fil-ġranet ta' wara din id-data f'dawn il-Gżejjer naqas milli jħares il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Maġistrat Dr. A. Demicoli LL.D. fid-Digriet tagħha tad-29 ta' Frar 2016, li bih tat il-ħelsien mill-arrest taħt depożitu ta' €1,000 u garanzija personali ta' €4,000;

6. Fl-istess data, ħin, lok u ċirkustanzi rrenda ruħu reċidiv ai termini ta' l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta permezz ta' diversi sentenzi mogħtija fil-konfront tiegħu mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi huma definittivi u ma jistgħux jinbidlu;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront ta' **Marlon Baldacchino <u>waħdu</u>**, talli:

1. Fl-istess data, ħin, lok u ċirkustanzi kiser il-provvedimenti ta' sentenza sospiża mogħtija fil-konfront tiegħu b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), Maġistrat Dr. D. Clarke LL.D., datata 11 ta' Ottubru 2017, liema sentenza saret definittiva u ma tistgħax tinbidel;

2. Fl-istess data, ħin, lok u ċirkustanzi f'dawn il-Gżejjer naqas milli jħares il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Maġistrat Dr. Gabriella Vella LL.D., fid-Digriet tagħha ta' l-4 ta' Novembru 2018 li bih tat il-ħelsien mill-arrest taħt depożitu ta' €100 u garanzija personali ta' €2,000;

3. Fl-istess data, ħin, lok u ċirkustanzi rrenda ruħu reċidiv ai termini ta' l-Artikoli 49 u 289 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, permezz ta' diversi sentenzi mogħtija fil-konfront tiegħu mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi huma definittivi u ma jistgħux jinbidlu;

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex il-Qorti, f'każ ta' ħtija, barra milli tapplika l-piena skond il-Liġi, tordna lill-imputati jħallsu l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' Esperti skond l-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat l-Ordni ta' l-Avukat Ġenerali ai termini ta' l-Artikolu 22(2) tal-Kap.101 tal-Liġijiet ta' Malta datat 10 ta' Lulju 2019, maħruġ fir-rigward ta' Luke Vella[2];

Rat li entrambe l-imputati wieġbu li ma humiex ħatja ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tagħhom;

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni a fol. 3 sa' 13 tal-proċess;

Semgħet ix-xhieda ta' l-Ispettur Fabian Fleri mogħtija waqt is-seduti tas-27 ta' Diċembru 2018[3] u ta' l-10 ta' Marzu 2020[4] u rat id-dokumenti esebiti minnu markati Dok. "FF1" sa' Dok. "FF12" a fol. 39 tal-proċess[5] u s-CD esebita minnu markata Dok. "X" a fol.634 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' Joseph Attard waqt is-seduti tas-27 ta' Diċembru 2018[6] u ta' l-24 ta' Mejju 2022[7], u x-xhieda ta' Dejan Caruana mogħtija waqt is-seduta tas-27 ta' Diċembru 2018[8], semgħet ix-xhieda ta' PS1576 Simon Grech[9] u ta' Justin Cassar[10] mogħtija waqt is-seduta ta' l-10 ta' Jannar 2019 u rat id-dokument esebit minn PS1576 Simon Grech markat Dok. "SG" a fol. 63 sa' 66 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' Christopher Cassar[11], ta' Darren Galea[12] u ta' Christina Francesci[13] mogħtija waqt is-seduta tal-15 ta' Jannar 2019, semgħet ix-xhieda ta' Brian Farrugia[14], in rappreżentanza ta' Transport Malta, u ta'

---

[2] Fol. 560 tal-proċess.

[3] Fol. 28 sa' 38 tal-proċess.

[4] Fol. 633 tal-proċess.

[5] Dok. "FF2" u Dok. "FF8" għandhom Esebit Nru. KA102/2019, fol. 219 tal-proċess.

[6] Fol. 40 sa' 43 tal-proċess.

[7] Fol. 804 sa' 808 tal-proċess.

[8] Fol. 44 sa' 49 tal-proċess.

[9] Fol. 61 u 62 tal-proċess.

[10] Fol. 72 sa' 75 tal-proċess.

[11] Fol. 78 u 79 tal-proċess.

[12] Fol. 80 sa' 82 tal-proċess.

[13] Fol. 83 sa' 86 tal-proċess.

[14] Fol. 104 u 105 tal-proċess.

Marisa Gauci[15], in rappreżentanza ta' Vodafone Malta Limited, mogħtija waqt is-seduta tad-19 ta' Frar 2019 u rat id-dokumenti esebiti minn Brian Farrugia markat Dok. "BF" a fol. 106 sa' 108 tal-proċess u minn Marisa Gauci markat Dok. "MG" a fol. 111 sa' 137 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' Maxine Vella[16], ta' Amelie Abela[17], in rappreżentanza ta' Melita Limited, u ta' PC8 Tyrone Bugeja[18] mogħtija waqt is-seduta ta' l-1 ta' Marzu 2019 u rat id-dokument esebit minn Amelie Abela markat Dok. "AA" a fol. 159 sa' 170 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' l-Espert Tekniku Keith Cutajar[19] mogħtija waqt is-seduti tat-12 ta' Marzu 2019[20] u tad-19 ta' April 2020[21] u rat ir-Relazzjonijiet esebiti minnu markati Dok. "KC" a fol. 189 sa' 218 tal-proċess u Dok. "KCX" a fol. 721 sa' 740 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' PS1444 Kenneth Brignano[22] u ta' l-Espert Forensiku il-Professur Emanuel Sinagra[23] mogħtija waqt is-seduta tat-12 ta' Marzu 2019 u rat ir-Relazzjoni ta' l-Espert Forensiku l-Professur Emanuel Sinagra markata Dok. "ES" a fol. 225 sa' 234 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' l-Ispettur Lydon Zammit mogħtija waqt is-seduti tat-12 ta' Marzu 2019[24], tal-25 ta' April 2019[25] u tal-21 ta' Novembru 2022[26] u rat id-dokumenti esebiti minnu markati Dok. "A" sa' Dok. "D" a fol. 300 sa' 314 tal-proċess, semgħet ix-xhied ta' PS1337 Kevin Curmi mogħtija waqt is-seduta ta' l-20 ta' Marzu 2019[27] u x-xhieda ta' Stephen Cachia[28], in rappreżentanza ta' Transport Malta, ta' PC1404 Dale Cassar[29] u tal-Prokuratur Legal Eunice Grech Fiorini[30], Reġistratur Qrati Kriminali u Tribunali, mogħtija waqt is-seduta tal-25 ta' April 2018 u rat id-dokument esebit minn Stephen Cachia markat Dok. "SC" a fol. 258 tal-proċess u rat il-Procès-Verbal bin-Numru 164/19 esebit mill-Prokuratur Legali Eunice Grech Fiorini markat Dok. "PV" a fol. 316 sa' 487 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' l-Avukat Dr. Benjamin Valenzia[31] mogħtija waqt is-seduti tal-25 ta' April 2019[32] u tat-13 ta' Ġunju 2019[33] u rat it-traskrizzjonijiet ta' l-istqarrijiet ta' l-imputati mħejjija minnu a fol. 263 sa' 296 tal-proċess u a fol. 509 sa' 526 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' l-Ispettur Joanna Piscopo mogħtija waqt is-seduti

[15] Fol. 109 u 110 tal-proċess.

[16] Fol. 154 sa' 156 tal-proċess.

[17] Fol. 157 u 158 tal-proċess.

[18] Fol. 171 u 172 tal-proċess.

[19] Estensjoni ta' l-inkarigu permezz ta' Digriet datat 27 ta' Diċembru 2018, fol. 25 tal-proċess u ulterjorment estiż permezz ta' Digriet datat 29 ta' Ottubru 2020, fol. 681 tal-proċess.

[20] Fol. 187 u 188 tal-proċess.

[21] Fol. 719 u 720 tal-proċess.

[22] Fol. 220 sa' 222 tal-proċess.

[23] Fol. 223 u 224 tal-proċess. Nominat permezz ta' Digriet datat 27 ta' Diċembru 2018, fol. 25 tal-proċess.

[24] Fol. 235 sa' 243 tal-proċess.

[25] Fol. 298 u 299 tal-proċess.

[26] Fol. 870 sa' 877 tal-proċess.

[27] Fol. 251 u 252 tal-proċess.

[28] Fol. 257 u 258 tal-proċess.

[29] Fol. 259 sa' 261 tal-proċess.

[30] Fol. 315 tal-proċess.

[31] Nominat in forza ta' Digriet datat 27 ta' Diċembru 2018, fol. 25 tal-proċess.

[32] Fol. 262 tal-proċess.

[33] Fol. 508 tal-proċess.

tat-13 ta' Ġunju 2019[34] u tal-25 ta' Ġunju 2019[35] u rat id-dokumenti esebiti minnha markati Dok. "JP1" u Dok. "JP2" a fol. 543 u 544 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' WPC98 Gloria Alamango mogħtija waqt is-seduta tal-25 ta' Ġunju 2019[36] u rat ir-Relazzjoni tagħha markata Dok. "GA" a fol. 534 sa' 541 tal-proċess, semgħet ix-xhieda konġunta ta' l-Ispettur Fabian Fleri, l-Ispettur Lydon Zammit u l-Ispettur Joanna Piscopo mogħtija waqt is-seduta ta' l-1 ta' Awwissu 2019[37] u x-xhieda mogħtija mill-Ispettur Paul Camilleri[38] u minn WRPC 3141 Janet Cicala[39] mogħtija waqt is-seduta tat-23 ta' Settembru 2019 u rat id-dokumenti esebiti minn WRPC 3141 Janet Cicala markati Dok. "JC1" sa' Dok. "JC3" a fol. 584 sa' 586 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' l-Ispettur Matthew Spagnol mogħtija waqt is-seduti tal-31 ta' Ottubru 2019[40] u ta' l-10 ta' Diċembru 2019[41] u rat id-dokument esebit minnu markat Dok. "MC" a fol. 599 sa' 602 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' l-Ispettur Justine Grech mogħtija waqt is-seduti tal-31 ta' Ottubru 2019[42] u ta' l-10 ta' Diċembru 2019[43] u x-xhieda ta' Marcus John Calleja mogħtija waqt is-seduti tad-19 ta' Ġunju 2020[44] u ta' l-24 ta' Mejju 2022[45], semgħet ix-xhieda ta' l-Espert Tekniku l-Perit Richard Aquilina[46] mogħtija waqt is-seduti ta' l-20 ta' Awwissu 2020[47] u tad-19 ta' April 2021[48] u rat ir-Relazzjonijiet tiegħu markati Dok. "RA" a fol. 658 sa' 672 tal-proċess u Dok. "RA2" a fol. 702 sa' 718 tal-proċess), semgħet ix-xhieda ta' Stefania Scicluna, in rappreżentanza tar-Reġistratur Qrati Kriminali u Tribunali, mogħtija waqt is-seduta tat-2 ta' Ġunju 2021[49] u rat id-dokument esebit minnha markat Dok. "Z" a fol. 748 sa' 750 tal-proċess u semgħet ix-xhieda ta' l-Avukat Dr. Roberto Montalto mogħtija waqt is-seduta ta' l-10 ta' Ġunju 2021[50] u rat id-dokument esebit minnu markat Dok. "RM" a fol. 754 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' Franklin Calleja, Assistent Reġistratur Qrati Kriminali u Tribunali, u ta' Stephen Zerafa[51] mogħtija waqt is-seduta tas-16 ta' Settembru 2021[52] u rat id-dokument esebit minn Franklin Calleja markat Dok. "FCX1" a fol. 781 tal-proċess u semgħet

---

34 Fol. 527 sa' 529 tal-proċess.

35 Fol. 542 tal-proċess.

36 Fol. 532 u 533 tal-proċess.

37 Fol. 556 tal-proċess.

38 Fol. 580 u 581 tal-proċess.

39 Fol. 582 u 583 tal-proċess.

40 Fol. 598 tal-proċess.

41 Fol. 618 u 619 tal-proċess.

42 Fol. 603 tal-proċess.

43 Fol. 623 tal-proċess.

44 Fol. 640 sa' 650 tal-proċess.

45 Fol. 797 sa' 803 tal-proċess.

46 Nominat permezz ta' Digriet mogħti fl-24 ta' Lulju 2020, fol. 653 tal-proċess u estiż permezz ta' Digriet datat 24 ta' Settembru 2020, fol. 677 tal-proċess.

47 Fol. 657 tal-proċess.

48 Fol. 707 tal-proċess.

49 Fol. 747 tal-proċess.

50 Fol. 752 u 753 tal-proċess.

51 Fol. 782 sa' 786 tal-proċess.

52 Fol. 779 tal-proċess.

ix-xhieda ta' l-imputat Luke Vella mogħtija waqt is-seduta tad-29 ta' Settembru 2022[53];

Rat in-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju ta' l-Avukat Ġenerali datata 20 ta' Awwissu 2021[54] permezz ta' liema bagħat:

Lill-imputat **Luke Vella** sabiex jiġi ġġudikat mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali għall-ħtija jew ħtijiet maħsuba:

- Fl-Artikoli 48A(1)(2)(3)(4) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 41(1)(a), 42, 43, 44, 45, 46, 261(a)(b)(ċ)(f), 262(1)(b), 263(b), 267, 270, 275, 276A u 277 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 3(1), 3(1A), 3(2), 3(2A) u 4 tal-Kap.104 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikolu 15(1)(a) tal-Kap.65 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 579(1)(2) u 586 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 17, 18, 23, 31 u 533 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Lill-imputat **Marlon Baldacchino** sabiex jiġi ġġudikat mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali għall-ħtija jew ħtijiet maħsuba:

- Fl-Artikolu 48A(1)(2)(3)(4) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 41(1)(a), 42, 43, 44, 45, 46, 261(a)(b)(ċ)(f), 262(1)(b), 263(b), 267, 270, 275, 276A u 277 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 28A, 28B, 28Ċ, 28D, 28E u 28F tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 579(1)(2) u 586 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 17, 18, 23, 31 u 533 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat il-Kontro-Ordni ta' l-Avukat Ġenerali ai termini ta' l-Artikolu 31 tal-Kap.101 tal-Liġijiet ta' Malta datat 20 ta' Awwissu 2021[55], permezz ta' liema l-Avukat Ġenerali bagħat lill-imputat **Luke Vella** sabiex jiġi pproċessat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fuq l-akkużi dedotti kontrih għall-ksur tal-provvedimenti ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap.101 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat li waqt is-seduta tas-16 ta' Settembru 2021[56] il-Prosekuzzjoni ddikjarat li ma għandhiex iktar provi xi tressaq u rat li l-imputati entrambe ddikjaraw li ma għandhomx oġġezzjoni li l-każ tagħhom jiġi trattat bi proċedura sommarja; Inqraw l-Artikoli;

---

[53] Fol. 842 sa' 863 tal-proċess.

[54] Fol. 763 u 764 tal-proċess.

[55] Fol. 765 tal-proċess.

[56] Fol. 778 tal-proċess.

Rat li fit-22 ta' Frar 2022[57] l-istadju tal-provi ta' l-imputat Luke Vella ġie dikjarat magħluq iżda b'Digriet datat 2 ta' Mejju 2022, in segwitu għal talba ta' l-istess imputat Luke Vella, id-Digriet tat-22 ta' Frar 2022 ġie revokat *contrario imperio* u l-istadju tal-provi ta' l-imsemmi imputat reġa' nfetaħ. L-istadju tal-provi ta' l-imputat Luke Vella reġa' ġie dikjarat magħluq fis-seduta tad-29 ta' Settembru 2022[58];

Rat li fis-seduta tal-25 ta' Mejju 2023, l-istadju tal-provi ta' l-imputat Marlon Baldacchino ġie dikjarat magħluq[59];

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni a fol. 891 sa' 899 tal-proċess;

Rat li fis-seduta tad-9 ta' Mejju 2024[60], id-Difensur ta' l-imputat Luke Vella iddikjara li d-Difiża tistrih fuq id-depożizzjoni ta' l-imsemmi imputat u għaldaqstant ma hemmx sottomissjonijiet ulterju x'jsiru;

Rat li fis-seduta tad-9 ta' Mejju 2024[61], l-imputat Marlon Baldacchino ngħata terminu perentorju ta' xahar biex jippreżenta s-sottomissjonijiet tiegħu bil-miktub, iżda tali sottomissjonijiet baqgħu ma sarux;

Rat ir-Rapporti ta' l-Uffiċjal tal-Probation Rona Agius Custò fir-rigward ta' l-imputat Marlon Baldacchino[62];

Rat l-atti kollha tal-kawża;

**Ikkunsidrat:**

L-imputati **flimkien** qed jiġu mixlija talli: (1) Fit-13 ta' Novembru 2018 u fil-ġranet ta' qabel ġewwa Malta u f'dawn il-Gżejjer, assoċjaw ruħhom flimkien ma' persuna oħra bil-għan li jagħmlu delitt/i f'Malta li għalihom hemm il-piena ta' priġunerija, u li ma kienx delitt taħt l-Att dwar l-Istampa; (2) U aktar talli nhar it-13 ta' Novembru 2018, għall-ħabta tat-20:10hrs, minn ġewwa l-istabiliment bl-isem ta' Crystal Palace, li jinsab fi Triq il-Kbira, Żabbar, irrendew ruħhom kompliċi fid-delitt ta' attentat ta' serq ikkwalifikat bil-vjolenza, bil-mezz, bil-valur li jeċċedi €2,329.37 u bil-ħin, għad-dannu ta' Joseph Attard u/jew persuna/i oħra.

L-imputat **Luke Vella waħdu** qed jiġi mixli talli: (1) Fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi u fil-ġranet ta' wara din id-data f'dawn il-Gżejjer, kellu fil-pussess tiegħu id-droga Kokaina speċifikata fl-Ewwel Skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap.101 tal-Liġijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġa mit-Tabib

[57] Fol. 793 tal-proċess.

[58] Fol. 841 tal-proċess.

[59] Fol. 881 tal-proċess.

[60] Fol. 900 tal-proċess.

[61] *Ibid.*

[62] Fol. 901 u 902 tal-proċess u fol. 904 tal-proċess.

Prinċipali tal-Gvern skond id-dispożizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort' oħra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga imsemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skond ir-riċetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regoli ta' l-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap.101 tal-Liġijiet ta' Malta; (2) Fl-istess data, ħin, lok u ċirkustanzi u fil-ġranet ta' wara din id-data f'dawn il-Gżejjer saq vettura ta' l-għamla Smart bin-Numru ta' Reġistrazzjoni FCP-937 fit-triq, kemm-il darba għall-użu ta' din il-vettura minnu ma kinitx fis-seħħ polza ta' assikurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi; (3) U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, saq vettura ta' l-għamla Smart bin-Numru ta' Reġistrazzjoni FCP-937 meta ma kellux liċenza tas-sewqan; (4) Fl-istess data, ħin, lok u ċirkustanzi u fil-ġranet ta' wara din id-data, f'dawn il-Gżejjer naqas milli jħares il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Maġistrat Dr. A. Vella LL.D., fid-Digriet tiegħu tal-5 ta' Jannar 2018 li bih ta il-ħelsien mill-arrest taħt depożitu ta' €500 u garanzija personali ta' €5,000; (5) Fl-istess data, ħin, lok u ċirkustanzi u fil-ġranet ta' wara din id-data f'dawn il-Gżejjer naqas milli jħares il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Maġistrat Dr. A. Demicoli LL.D. fid-Digriet tagħha tad-29 ta' Frar 2016, li bih tat il-ħelsien mill-arrest taħt depożitu ta' €1,000 u garanzija personali ta' €4,000; (6) Fl-istess data, ħin, lok u ċirkustanzi rrenda ruħu reċidiv ai termini ta' l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta permezz ta' diversi sentenzi mogħtija fil-konfront tiegħu mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi huma definittivi u ma jistgħux jinbidlu.

L-imputat **Marlon Baldacchino waħdu** qed jiġi mixli talli: (1) Fl-istess data, ħin, lok u ċirkustanzi kiser il-provvedimenti ta' sentenza sospiża mogħtija fil-konfront tiegħu b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), Maġistrat Dr. D. Clarke LL.D., datata 11 ta' Ottubru 2017, liema sentenza saret definittiva u ma tistgħax tinbidel; (2) Fl-istess data, ħin, lok u ċirkustanzi f'dawn il-Gżejjer naqas milli jħares il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Maġistrat Dr. Gabriella Vella LL.D., fid-Digriet tagħha ta' l-4 ta' Novembru 2018 li bih tat il-ħelsien mill-arrest taħt depożitu ta' €100 u garanzija personali ta' €2,000; (3) Fl-istess data, ħin, lok u ċirkustanzi rrenda ruħu reċidiv ai termini ta' l-Artikoli 49 u 289 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, permezz ta' diversi sentenzi mogħtija fil-konfront tiegħu mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi huma definittivi u ma jistgħux jinbidlu.

Entrambe l-imputati wieġbu li ma humiex ħatja ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront ta' kull wieħed minnhom.

Permezz ta' Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju datata datata 20 ta' Awwissu 2021[63], l-Avukat Ġenerali bagħat:

---

[63] Fol. 763 u 764 tal-proċess.

Lill-imputat **Luke Vella** sabiex jiġi ġġudikat minn din il-Qorti għall-ħtija jew ħtijiet maħsuba:

- Fl-Artikoli 48A(1)(2)(3)(4) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 41(1)(a), 42, 43, 44, 45, 46, 261(a)(b)(ċ)(f), 262(1)(b), 263(b), 267, 270, 275, 276A u 277 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 3(1), 3(1A), 3(2), 3(2A) u 4 tal-Kap.104 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikolu 15(1)(a) tal-Kap.65 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 579(1)(2) u 586 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 17, 18, 23, 31 u 533 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Lill-imputat **Marlon Baldacchino** sabiex jiġi ġġudikat minn din il-Qorti għall-ħtija jew ħtijiet maħsuba:

- Fl-Artikolu 48A(1)(2)(3)(4) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 41(1)(a), 42, 43, 44, 45, 46, 261(a)(b)(ċ)(f), 262(1)(b), 263(b), 267, 270, 275, 276A u 277 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 28A, 28B, 28Ċ, 28D, 28E u 28F tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 579(1)(2) u 586 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 17, 18, 23, 31 u 533 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

U b'Kontro-Ordni ta' l-Avukat Ġenerali ai termini ta' l-Artikolu 31 tal-Kap.101 tal-Liġijiet ta' Malta datat 20 ta' Awwissu 2021[64], l-Avukat Ġenerali bagħat lill-imputat **Luke Vella** sabiex jiġi pproċessat quddiem din il-Qorti fuq l-akkużi dedotti kontrih għall-ksur tal-provvedimenti ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap.101 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Provi:**

L-**Ispettur** (illum Assistent Kummissarju) **Fabian Fleri**[65] xehed illi fit-13 ta' Novembru 2018 għall-ħabta tat-8:10p.m., daħlu telefonati l-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija kif ukoll l-Għassa tal-Pulizija ta' Ħaż-Żabbar fejn ġie rappurtat li persuna daħlet fil-ħanut Crystal Palace, Triq il-Kbira, Żabbar, u hemm inqalgħet kommossjoni sħiħa għaliex sid il-ħanut żamm lil din il-persuna li daħlet hemm ġew. Dan l-istess rapport sar ukoll minn persuna li marret l-Għassa ta' Ħaż-Żabbar. PS1444 u PC8 irrikorrew fuq il-post u hemm sabu persuna miżmuma minn tlieta min-nies u wieħed minnhom għadda pistola lis-Surġent u qallu li kienu ġew sparati xi tiri waqt il-kommissjoni. Dwar dan l-Ispettur Fleri xehed illi *s-Surġent innota li din il-pistola kien għad kellha cartridge case imwaħħal ġol-breach block jiġifieri meta l-pistola ġiet biex teġektja l-cartridge case weħel hemmhekk għax fil-fatt kien skargaha hu. Il-maggażżin tal-pistola kien imkisser u fil-fatt wara kienu ngħabru l-biċċiet. Is-Surġent kien żamm din il-pistola hu sakemm imbagħad kienu ġew tal-Ballistika u għaddihielhom direttament huwa.*

[64] Fol. 765 tal-proċess.

[65] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tas-27 ta' Diċembru 2018, fol. 28 sa' 38 tal-proċess.

L-Ispettur Fleri xehed ulterjorment li hu u l-Ispettur tad-Distrett, l-Ispettur Joanna Piscopo, irrikorrew fuq il-post ta' l-inċident, filwaqt li l-Ispettur Lydon Zammit baqa' jikkordina l-affarijiet mill-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija. Fuq il-post l-Ispettur Fleri ġie nfurmat minn PS1444 li kien hemm persuna hemmhekk li ngħatat il-caution u dan kien ċertu Marcus John Calleja, detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 500872M. Dak il-ħin l-Ispettur Fleri reġa' ta l-caution lil Calleja u ordna li jittieħed mill-ewwel il-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija. Da parte tagħha l-Ispettur Joanna Piscopo nfurmat lill-Maġistrat ta' l-Għassa, il-Maġistrat Dr. Astrid May Grima, u nfetħet Inkjesta fejn ġew nominati diversi Esperti, ossia il-Perit Valerio Schembri sabiex jipprepara sketch tal-post u jisma' x-xhieda meħtieġa, Keith Cutajar sabiex janalizza CCTVs, it-Tabib Dr. Mario Scerri sabiex jeżamina lil Marcus John Calleja u Dr. Joseph Cassar peress illi fil-ħanut fil-ħin li daħal Calleja u inqalgħet il-kommossjoni kien hemm tifel minuri, Dr. Marisa Cassar sabiex tanalizza DNA, Scene of Crime Officers u WPS98 Gloria Alamango għall-ballistika.

Huwa xehed ukoll illi WPS98 Gloria Alamango ħadet il-pistola mill-pussess ta' PS1444 u fil-kors ta' tfittxija li saret fil-ħanut instabu diversi ballal u skrataċċ, skond fejn in-nies qalulhom li ġew sparati t-tiri. Fir-rigward iddikjara *fil-fatt sibna tir minnhom imwaħħal ġos-suffett li ġie sparat 'l fuq u huma bdew jispjegawlna li meta qabżu fuqu u kienu ma' l-art ġie sparat xi tir ieħor u bdew jisimgħu xi tfaqqiegħ. Fil-fatt fl-iskriting ta' waħda mill-ixkafef ta' l-injam kienet instabet balla oħra lloġjata hemmhekk, li fil-fatt qalgħuha tal-forensic. Hemmhekk ukoll qalb l-affarijiet imxerdin ma' l-art kien hemm naqra tifrik mhux ħażin, instab skartoċċ ieħor. Dawn kollha ġew elevati minn naħa tal-Forensika*. Minn fuq il-post ġew elevati wkoll maskra u xalla li kien liebes Marcus John Calleja meta daħal fil-ħanut u neħħewhomlu t-tlett persuni li żammewh. Il-maskra u x-xalla ġew elevati mill-Forensika u ngħataw lill-Espert Dr. Marisa Cassar.

It-tlett persuni li waqqfu lil Marcus John Calleja kienu sid il-ħanut, Joseph Attard, u żewġ persuni oħra Darren Galea u Justin Cassar. L-Ispettur Fleri xehed illi *dawn it-tlieta, meta ġew mitkellma spejgawlna li kienu ġol-ħanut u f'daqqa waħda daħal dan il-persuna liebes l-iswed u mgħammad, dar wara l-counter u qal lil Joseph Attard "tini l-flus". Dan mal-ewwel tah daqqa fuq in-naħa t'isfel t'idu, għoliet idu dak il-ħin u ħa tir imbagħad qamet kommissjoni sħiħa sakemm irnexxielhom jeħdulu l-arma u jneħħulu l-maskra. Is-Sur Justin Cassar li ħadlu l-arma minn idu beda jipprova jaqla' l-maggażżin ta' l-arma jew għax weħlet jew inkella għax ma kienx jaf eżattament kif u l-maggażżin ta' l-arma qaċċtu, imbagħad hu kien li għaddiha lis-Surġent.*

Fir-rigward ta' l-investigazzjoni tal-Pulizija dwar dan il-każ, l-Ispettur Fabian Fleri xehed illi: *aħna għamilna search fiż-żona kollha biex naraw x'hemm CCTV cameras, fil-fatt inġabru diversi CCTV cameras tul Main Street kollha u anki fl-inħawi biex naraw ezattament minn fejn kien ġie u x'kien għamel. Jiena kont infurmat mis-Sur Lydon Zammit li sa' dak il-ħin kien qed jagħmel is-search fir-residenza ta' Marcus John Calleja u nfurmani li l-unika vettura li kellu s-Sur Calleja kien vann tax-xogħol li kien għadu pparkjat fejn id-dar, jiġifieri hu ma kienx mar Ħaż-Żabbar bil-vettura tiegħu. Infurmani wkoll li mobile fuqu ma kellux. Is-Sur Calleja kien ingħata twissija skond il-Liġi u ġie nterrogat ftit mis-*

*Sur Zammit u hu kien qal li kien ippikkjah xi ħadd mid-dar ftit 'il bogħod mid-dar għall-ħabta ta' xil-ħamsa jew il-ħamsa u nofs, ma riedx jgħidilna min hu, u qalilna li kien l-istess persuna li ħadu Ħaż-Żabbar. Meta ġie mistoqsi fuq il-mobile, is-Sur Calleja qallu li l-mobile kien għadu fil-vettura ta' din il-persuna. Minħabba f'hekk għamilna request lis-service provider bin-numru tal-mobile tas-Sur Marcus John Calleja li kien 77064646 u minn dak in-numru beda jirriżulta li matul il-ġurnata dan il-mobile kellu diversi kuntatti minn numru tal-mobile 77395858 u l-kuntatti bejn dawn iż-żewġ mobiles waqfu għal xil-ħamsa u nofs ta' waranofsinhar fiż-żona ta' Ħal-Balzan. Minħabba f'hekk bdejna nissusspettaw li sid dan il-mobile kien il-persuna li ppikkjah mid-dar. Fil-fatt minn riċerka li għamilna fis-sistema tagħna beda jirriżulta li dan il-mobile x'aktarx kien ta' ċertu Luke Vella. Irriżulta ukoll li l-aħħar darba li wżat il-mobile ta' Marcus John Calleja, s-77064646, kien biex saret telefonata għall-ħabta tas-sebgħa u għoxrin ta' filgħaxija fuq mobile number 99239023. Dan in-numru tal-mobile rriżulta li huwa ta' ċertu Cristina Maria Francesci, li hija tfajla li toqgħod il-Gżira, detentriċi tal-Karta ta' l-Identità numru 73202L, li din sussegwentement ġiet ikkuntatjata u ġiet mitkellma minni u mis-Sur Lydon Zammit u din spjegat li dik it-telefonata kienet saritilha minn Luke Vella allavolja mhux mill-mobile number tiegħu.*

L-Ispettur Fleri xehed ulterjorment li a bażi ta' l-informazzjoni li l-Pulizija kellha f'idejha, fl-14 ta' Novembru 2018 intalab u ġie ottenut Mandat ta' Arrest fil-konfront ta' Luke Vella, l-imputat f'dawn il-proċeduri. Vella ġie arrestat dakinhar stess meta mar l-Għassa ta' Ħaż-Żabbar biex jiffirma l-*bail book*. Huwa kien mar b'vettura Smart44 ta' kulur iswed bin-Numru ta' Reġistrazzjoni FCP-937 u jistennieh fil-vettura dak il-ħin kien hemm Marlon Baldacchino, l-imputat l-ieħor f'dawn il-proċeduri. L-Ispettur iddikjara li *ma' l-ewwel search li saret fuq Luke Vella nstabu tliet mobile phones* - esebiti bħala Dok. "FF2" - *u dawn il-mobile phones kienu Nokia li ma kellux sim card fuqu, imbagħad kellu tnejn oħra wieħed ta' l-għamla Huawei u l-ieħor ta' l-għamla Samsung. In-numru tas-sim cards li kellu fihom kienu 77395858, li huwa l-istess mobile number li rriżultalna mill-call profile ta' Marcus John Calleja, kif ukoll ieħor 77395861. Dawn it-tliet mobile phones mal-ewwel ġew issekwestrati minni. Fuqu wkoll instab qartas b'xi trab fih u nstabu wkoll xi tliet pilloli ta' kulur blu ċar li dak il-ħin Luke Vella kien gja qiegħed bi twissija skond il-liġi qalilna li dawk kienu pilloli tiegħu u d-droga kokajina li kienu tiegħu* - is-sustanzi li nstabu fuq il-persuna ta' l-imputat Luke Vella ġew esebiti bħala Dok. "FF7". *Fuq is-Sur Marlon Baldacchino kienet saret ukoll tfittxija fejn instabu xi affarijiet li huma suspettati li huma droga, iżda dak il-ħin, peress li ma kienx suspettat li għandu x'jaqsam ma' din is-serqa, konna infurmajna lill-Ispettur Sarah Zerafa, li kellu bail magħha, u hi kienet kompliet investigatu fuq il-pussess ta' din. Ta' min jgħid li fil-pussess tas-Sur Marlon Baldacchino, u cioè fuq il-persuna tiegħu, instabet karta ta' kulur aħdar, sticky note* - esebita bħala Dok. "FF1" a fol. 39 tal-proċess - *u kellu dawn l-affarijiet miktubin fuqha: L bin-numru 77395858 mitkub ħdejha, l-ittra M bin-numru 99506753 u l-ittra B bin-numru 99660673. Konna staqsejna lis-Sur Marlon Baldacchino dawn x'inhuma dawn in-numri u kien spjegalna li l-ewwel wieħed li kien hemm miktub bl-ittra L ħdejh, kien in-numru tal-mobile ta' Luke, it-tieni numru li kien hemm l-ittra M ħdejh, kien il-mobile tiegħu stess, M li kienet tirrappreżenta Marlon, u n-numru l-ieħor kien ta' ħabib tiegħu ieħor li ismu jibda bl-ittra B.*

L-imputat Luke Vella ġie skortat il-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija u wara li ikkonsulta ma' l-Avukat tiegħu, ġie interrogat mill-Pulizija. Fir-rigward l-Ispettur Fleri xehed *bdejna bl-investigazzjonijiet tagħna fejn staqsejnieh rigward Marcus John Calleja. Għall-ewwel ma riedx jitkellem magħna u ma riedx jirrispondi għal ebda domanda li kienet issirlu biss, imbagħad meta kkonfrontajnieh bil-fatt li huwa għamel telefonata bil-mobile ta' Marcus John Calleja lil dik it-tfajla kif spjegat qabel, huwa kkonferma li huwa kien għamilha dik it-telefonata bil-mobile ta' Marcus John Calleja u qal li lil Marcus John Calleja kien iltaqa' miegħu x'imkien u ma riedx jgħidilna fejn u kien taħ lift sa' Ħaż-Żabbar u ma riedx jgħidilna fejn kien telqu. Biss qal li rigward dan l-inċident huwa ma kellu l-ebda involviment. Staqsejnieh dakinhar x'vettura kien qed juża meta ta lift lis-Sur Marcus John Calleja u qal li kienet l-istess vettura li kien mar jiffirma biha l-ġurnata ta' wara meta ġie arrestat u cioè bin-numru FCP-937, li hija Smart ta' kulur iswed* - din il-vettura ġiet eventwalment issekwestrata mill-Pulizija, senjatament fid-29 ta' Novembru 2018, u ġiet esebita formalment bħala Dok. "FF4" u Dok. "FF5" a fol. 39 tal-proċess. *Meta komplejna nistaqsuh fuq dan l-inċident huwa baqa' jinnega kategorikament u anki beda jippanikkja li ma kienx hu u m'għandux x'jaqsam biex aħna nkomplu nagħmlu xogħolna* - l-istqarrijiet ta' l-imputat Luke Vella ġew esebiti bħala Dok. "FF9" u Dok. "FF10" - *u fil-fatt minħabba raġunijiet li aħna ridna inkomplu l-investigazzjonijiet tagħna, huwa kien ingħata l-Police Bail u dan ingħata biex jattendi l-uffiċċju tagħna fid-29 ta' Novembru 2018.*

Minn *call profiles* tan-numri 77395858 u 77395861, ossia tan-numri tal-mobiles li instabu fil-pussess ta' l-imputat Luke Vella, lill-Pulizija rriżultaha li n-numru 77395858 kien in-numru li kien f'kuntatt man-numru ta' Marcus John Calleja matul il-ġurnata ta' l-akkadut, ossia tat-13 ta' Novembru 2018. Irriżulta wkoll li dan il-kuntatt bejn iż-żewġ mobiles waqaf għall-ħabta tal-5:30p.m. fil-lokalità ta' Ħal Balzan. Minn dawn il-*call profiles* jirriżulta wkoll li l-imputat Luke Vella *niżel lejn Ħaż-Żabbar, it-telefonata lil dik it-tfajla saret minn naħa tal-Fgura fis-sebgħa u għoxrin, filwaqt li fis-sebgħa ta' filgħaxija huwa kien mar jiffirma. Imbagħad huwa niżel lejn Labour Road, Ħaż-Żabbar, li tiġi triq 'il fuq parallel ma' Main Street, fejn sar il-hold up, u hemmhek bejn is-sebgħa u nofs u ħamsa sat-tmienja u ħamsa wieqaf f'dik il-lokalità u cioè beda jiġi kkonfermat minna li barra li wassal lis-Sur Marcus John Calleja kien qed jistennieh ukoll. Irriżulta wkoll illi meta rajna l-filmati kollha, aħna ħriġna timeline* - CD esebit bħala Dok. "FF3" a fol. 39 tal-proċess. Dan it-timeline reġa' ġie esebit mill-Ispettur Fleri bħala Dok. "X" a fol. 634 tal-proċess, waqt is-seduta ta' l-10 ta' Marzu 2020[66].

Fir-rigward tat-*timeline,* l-Ispettur Fleri xehed *jirriżulta li Main Street hija t-triq li tibda minn Labour Road, tibda wiesgħa tinfetaħ fi pjazza mbagħad minn din il-Pjazza tidjieq ħafna u tibqa' sejra sa' kważi fejn hemm il-kunvent tas-sortijiet, it-triq kantuniera bogħod mill-Għassa. Din it-triq fil-parti d-dejqa għandha ħafna sqaqien kemm fuq in-naħa tax-xellug u kemm in-naħa tal-lemin, hemm iktar fuq in-naħa tal-lemin, l-area magħrufa bħala tal-Biċċieni. Meta rajna l-footages kollha jirriżulta illi għall-ħabta tas-sebgħa u nofs, Marcus John Calleja joħroġ*

---

[66] Fol. 633 tal-proċess.

*mill-ewwel sqaq fejn tidjieq it-triq, jimxi għal quddiem il-confectionery, hemmhekk jagħmel qisu massimu ta' żewġ minuti jillojterja barra, dak il-ħin kien għadu mhux mgħammad imma kellu baskett f'idu, jimxi lejn Triq il-Kunvent, x'ħin jimxi naqra jidħol ġo sqaq, jilbes, idur lura u jidħol ġol-ħanut biex jagħmel dan il-hold up. Biss irriżulta wkoll li meta ħareġ mill-ewwel sqaq biex jimxi lejn il-confectionery, persuna oħra li kien qiegħed fil-fetħa qabel tidjieq it-triq, li kien liebes hood, malli jaraħ ħiereġ mill-isqaq, jaqsam, imur fit-tarf ta' dan l-isqaq u jibqa' hemmhekk u dan għamel hemmhekk qisu sat-tmienja jillojterja hemmhekk u jċempel bil-mobile phone u juża l-mobile phone. Dan mill-filmat jidher ċar li kien qed jistenna u jara x'ser jiġri u x'qed jagħmel Marcus. Meta dan ma ġiex, għadda ġuvnott b'bicycle, dan mar lejn il-ħanut, waqaf quddiem il-confectionery, niżel minn fuq il-bicycle, daħal fil-confectionery u sab din il-kommissjoni sħiħa quddiemu. Dan jidher imur lura, jerġa' jirkeb il-bicycle u jmur minn fejn ġie u għadda minn quddiem il-persuna li kien liebes il-hood. Tal-hood jidhru tkellmu, waqaf ħdejh u ftit tal-ħin wara tal-bicycle u tal-hood jidhru mixjin sejrin lura lejn il-confectionery. Filli kienu separati mbagħad jidher li tal-hood rikeb fuq quddiem tal-bicycle u għaddew minn quddiem il-confectionery u waqfu ftit 'il bogħod minn fejn tal-hood reġa' niżel mill-bicycle u jidher iċempel bil-mobile mbagħad jerġgħu jidhru għaddejjin lura minn quddiem il-confectionery. Mill-istatura u f'ħin minnhom fil-camera jidher dan tal-hood għandu tattoo fuq il-pala ta' idejh il-leminija u fuq il-wiċċ, biex niftehmu, u bdejna nissusspettaw li dik il-persuna hija Marlon Baldacchino.*

A bażi ta' dawn is-suspetti l-Pulizija ottjeniet *call profile* tan-numru tal-mobile ta' l-imputat Marlon Baldacchino - 99506753 - u minnu rriżulta li t-telefonati kienu qed isiru fuq numru li jispiċċa b'61 u rriżulta li huwa numru ta' l-imputat Luke Vella. Irriżulta li dawn kienu ħdejn xulxin u l-imputat Vella kien qed jistenna fil-karozza. Fir-rigward l-Ispettur Fleri xehed illi *dan kien hemm ħames jew sitt telefonati f'temp ta' disa' minuti u l-persuna bil-hood jidher li qed jagħmilhom u qed jaqblu bl-eżatt mal-ħinijiet tal-call profile.* Marlon Baldacchino ġie arrestat fis-16 ta' Diċembru 2018 in forza ta' Mandat ta' Arrest maħruġ fil-konfront tiegħu. Fir-rigward ta' dak li stqarr l-imputat Marlon Baldacchino meta ġie arrestat, l-Ispettur Fleri xehed illi *huwa ġie mitkellem fuq dan kollu w innega l-involviment tiegħu, biss ikkonferma li dak huwa l-mobile tiegħu* - il-mobile ta' l-imputat Marlon Baldacchino ġie ssekwestrat mill-Pulizija u ġie esebit fl-atti bħala Dok. "FF8". *Meta ġie kkonfrontat imbagħad li anki tkellem ma' persuna fuq bicycle, qalilna li kien hu li kellem lil dik il-persuna tal-bicycle li kien taħ lift, meta konna għidnilu li kien ċempel lil Luke Vella, ikkonferma li ċempel lil Luke Vella u qalilna "ċempiltlu għar-raġunijiet differenti". Meta spjeganilu li kien fuq il-post, li Luke Vella kien fl-istess żona, kważi ħdejh u x'kienet ir-raġuni, hu ma qalilniex x'kienet ir-raġuni* - l-istqarrija ta' l-imputat Marlon Baldacchino ġie esebita bħala Dok. "FF11". L-Ispettur żied jgħid illi *aħna sa' dak il-ħin il-persuna li deher bil-bicycle li ovvjament kellu wiċċu mikxuf u bdejna nxebbħuh ma' ċertu Kyle Ellul u fil-fatt dan is-Sur Kyle Ellul ġie arrestat ukoll iżda beda jinnega kompletament. Meta konna nfurmajna lil Marlon Baldacchino li arrestajna lil Kyle Ellul u għidnilu jekk hu jaf li mhux hu jgħidilna min hu, kien qalilna li dak tar-rota kien ċertu Dejan Caruana li joqgħod fil-viċinanzi u fil-fatt Dejan Caruana konna bgħatna għalih u konna kellimnieh fejn kien ikkonfermalna li veru kien għaddej minn hemmhekk u mar biex jixtri s-*

*sigaretti, veru sab il-kommossjoni, mar lura, iltaqa' ma' dan il-persuna tal-hood u dan il-persuna tal-hood kien talbu lift u kien poġġieh fuq ir-rota fuq quddiem u kien taħ lift, imbagħad mar lura d-dar.*

In kontro-ezami mistoqsi *fil-konfront ta' Luke Vella qed nifhem sew li l-investigazzjoni kollha waslet biss saċ-ċirkostanzi tat-telefonati biex torbtu ma' dan il-każ hux hekk?* l-Ispettur Fleri wieġeb *wasslu, biss apparti t-telefonati, apparti l-fatt li hu kien stqarr li kien wassal lill-persuna fuq il-post, apparti l-fatt li meta hu ġie mitkellem hu qal li spjegalna li hu ħadu fuq il-post u ma riedx jgħidilna minn fejn ippikkjah u fil-fatt irriżulta minn dawk it-telefonati stess u mill-call profiles li kien hu li ppikjah, irriżulta wkoll li huwa għamel nofs siegħa jistenna Ħaż-Żabbar fl-area fejn sar il-hold up, irriżulta wkoll illi kien qed jagħmel kuntatt dirett bejnu u bejn is-Sur Marlon Baldacchino il-ħin kollu waqt li qed isir il-hold up u kien qed jinfurmah x'qed jiġri.* L-Ispettur ikkonferma wkoll li Luke Vella huwa minn Ħaż-Żabbar.

L-**Ispettur Lydon Zammit**[67] essenzjalment ikkonferma dak kollu li xehed dwaru l-Ispettur Fabian Fleri fir-rigward ta' l-investigazzjoni tal-Pulizija u l-*call profiles* u *localisation* tad-diversi mobile numbers minnhom riskontrati fil-kors ta' l-investigazzjoni.

Fis-seduta tal-25 ta' April 2019[68], l-Ispettur Zammit ippreżenta s-segwenti sentenzi:

- Sentenza fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Marlon Baldacchino" pronunċjata mill-Qorti tal-Minorenni fil-11 ta' Ottubru 2017 - Dok. "A" a fol. 300 sa' 302 tal-proċess;
- Sentenza fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Marlon Baldacchino" pronunċjata mill-Qorti tal-Minorenni fl-1 ta' Ġunju 2016 - Dok. "B" a fol. 303 u 304 tal-proċess;
- Sentenza fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Rodrick Grima, Rennie Fava u Luke Vella" pronunċjata mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fl-14 ta' Ġunju 2010 - Dok. "C" a fol. 305 sa' 310 tal-proċess;
- Sentenza fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Luke Vella" pronunċjata mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fit-22 ta' Marzu 2018 - Dok. "D" a fol. 311 sa' 313 tal-proċess.

In kontro-eżami[69], l-Ispettur Lydon Zammit xehed illi l-involviment ta' l-imputat Marlon Baldacchino rriżulta mill-filmati ta' CCTV cameras, fejn anke deher wiċċ l-imsemmi imputat, kif ukoll mill-*call profiles* tan-numru tal-mobile. Saħaq li l-Prosekuzzjoni fl-ebda ħin ma hija qed tgħid li l-imputati odjerni fiżikament wettqu l-attentat ta' *hold up* fuq il-Crystal Palace Confectionery jew li kienu fil-ħanut waqt tali attentat, iżda tqis lill-imputati bħala kompliċi f'tali attentat u dana billi fil-ħin ta' l-akkadut l-imputat Marlon Baldacchino kien quddiem il-ħanut u dak il-ħin bejnu u bejn l-imputat Luke Vella saru diversi telefonati. Mistoqsi kif wasal għall-konklużjoni li l-imputati kienu mifthemin ma' Calleja dwar il-*hold up* in kwistjoni, l-Ispettur wieġeb *kellna lil Luke Vella illi mar għall-persuna illi wettaq l-armed*

[67] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-12 ta' Marzu 2019, fol. 235 sa' 243 tal-proċess.

[68] Fol. 298 u 299 tal-proċess.

[69] Seduta tal-21 ta' Novembru 2022, fol. 870 sa' 877 tal-proċess.

*robbery, kien mar għaliha ħdejn ir-residenza, telqu flimkien, marru fl-akkwati fejn niżlu, imbagħad kien hemm Marlon Baldacchino illi nqabad sejjer quddiem il-ħanut u jagħmel it-telefonati fil-ħin eżatt ta' waqt li qed isseħħ, fil-fatt minn camera minnhom jidher illi qed iċempel imbagħad mill-call profile ovvjament wasalna għall-konklużjoni għaliex il-ħin jaqbel eżatt u m'għandekx telefonata waħda imma għandek diversi. Jiġifieri għandek timeframe, m'għandekx telefonata waħda li taf tvarjalek dawk is-sekondi imma għandek timeframe mhux ħażin li waqt li qed issir is-serqa, hemm dawn it-telefonati. Li jibqa' quddiem il-ħanut, imur għal ebda raġuni għax jiġifieri la jidħol quddiem il-ħanut u hekk, jieqaf quddiem il-ħanut imbagħad jerġa' jmur flimkien mat-tielet persuna li wkoll ġie arrestat fejn hu stess ikkonferma illi kien Marlon Baldacchino li kien hu li rikeb fuq ir-rota miegħu u wasslu sal-kantuniera. Jiġifieri dawk huma l-affarijiet li jagħmlu l-affarijiet kollha meta mbagħad tibda tqabbel l-affarijiet kollha flimkien.* Fir-rigward ta' l-imputat Marlon Baldacchino l-Ispettur Zammit kompla jistqarr li *l-ewwel suspett ma qamx mit-telefonati imma l-ewwel suspett qam bil-mod kif għamel, ma daħalx fil-ħanut, mis-CCTV. Minn hemmhekk imbagħad bdejna nġibu evidenza oħra li kkorraboraw ma' dik l-imġieba. Kieku fuq l-imġieba biss, jiena ma kontx inressaq. … Lil Marlon tteħdulu żewġ statements. Fl-ewwel waħda kien qal lill-Pulizija li hu kien ma' Luke Vella u kien wasslu d-dar u ma ħariġx mid-dar u wara, meta kien ġie kkonfrontat min-naħa tal-Pulizija li le, mhux vera, li kien quddiem il-ħanut, li kien wasslu Kyle* [recte: Dejan] *u affarijiet, hemmhekk imbagħad kien ammetta magħna u li kien gideb għax kien veru quddiem il-ħanut, imbagħad kien ġab l-iskużi li kellu jġib.* Għalkemm irriżulta li l-imputat Marlon Baldacchino joqgħod Ħaż-Żabbar *meta deher fis-CCTVs kien il-bogħod minn din ir-residenza u mar u telaq il-bogħod għaliex niftakar illi r-residenza kienet f'xi Sqaq fi Triq il-Kbira. … iżda hu fis-CCTVs jidher illi la mar f'din ir-residenza u lanqas telaq minn hemm. … Is-CCTVs juru li Marlon la ġie minn dik ir-residenza, telaq f'dik ir-residenza imma mar fil-bidu tat-triq. Jiġifieri qed nitkellmu n-naħa tal-ground ta' Ħaż-Żabbar. … Ic-CCTVs juru biċ-ċar x'ġara u minn dik it-triq inġabru numru kbir ta' CCTV footages jiġifieri l-Qorti għandha quddiemha l-movimenti kollha kemm ta' Marcus John Calleja, kemm ukoll tinqabad ċara l-vettura ta' Luke Vella u kemm il-movimenti kollha ta' Marlon Baldacchino.*

Dak kollu affermat mill-Ispettur Fabian Fleri u mill-Ispettur Lydon Zammit fir-rigward tal-każ in eżami ġie kkonfermat ukoll mill-**Ispettur Joanna Piscopo**[70]. In oltre fis-seduta tal-25 ta' Ġunju 2019[71], l-Ispettur Joanna Piscopo ppreżentat:

- Digriet għall-Ħelsien mill-Arrest fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Marlon Baldacchino et" maħruġ mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), Maġistrat Dr. Gabriella Vella, datat 4 ta' Novembru 2018 - Dok. "JP1" a fol. 543 tal-proċess; u
- Digriet għall-Ħelsien mill-Arrest fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Luke Vella" maħruġ mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), Maġistrat Dr. Audrey Demicoli, datat 29 ta' Frar 2016 - Dok. "JP2" a fol. 544 tal-proċess.

[70] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-13 ta' Ġunju 2019, fol. 527 sa' 529 tal-proċess.

[71] Fol. 542 tal-proċess.

**PS1576 Simon Grech**[72] essenzjalment xehed li fit-13 ta' Novembru 2018 għall-ħabta tat-8:10p.m., waqt li kien qiegħed xogħol l-Għassa ta' Bormla, kienet intalbet assistenza mill-Għassa ta' Ħaż-Żabbar, peress li fil-ħanut Crystal Palace fi Triq il-Kbira, Żabbar, kien hemm raġel armat. Meta wasal fuq il-post, hemm sab lill-Ispettur Cilia u lil PS1444 Kenneth Brignano, fejn dan ta' l-aħħar kien qallu li fuq il-post kien ra lil ċertu Mark Calleja ma' l-art miżmum minn tliet irġiel, illi kienu għaddewlu pistola. PS1576 stqarr ulterjorment illi *l-pistola, kien preċiża, li kien ra cartridge imwaħħal ġol-bridge u kien qalli li kien fadal żewġ balal oħra li ma kienux ġew sparati. Is-Surġent Brignano kien indikali lil Mark li kien qiegħed fil-karozza. Jiena kont mort kellimt lil Mark fejn kien għaddieli l-particulars tiegħu, wara kont kellimt lil Joseph Attard li jiġi sid il-ħanut fejn kien qalli li għall-ħabta tat-tmienja kif kien ġewwa l-ħanut kien daħal raġel wiċċu mgħammad, ippuntalu pistola ma' wiċċu, irreżistieh, waqt li rrezistieh ġew sparati xi tiri wkoll, inzerta li dak il-ħin kien hemm żewġt iħbieb tiegħu ġol-ħanut, ċertu Justin Cassar u Darren Galea li għenuh biex żammew lil din il-persuna li daħal ġol-ħanut, imbagħad komplejna aħna.*

PS1576 ippreżenta r-rapport tal-Pulizija dwar dan il-każ markat Dok. "SG" a fol. 63 sa' 66 tal-proċess.

**PS1444 Kenneth Brignano**[73] xehed illi *fit-13 ta' Novembru tas-sena li għaddiet* (2018) *għall-ħabta tat-tmienja konna ġejna nfurmati mill-Control Room li skond l-ewwel informazzjoni li daħlet kien inqala' argument ġewwa Crystal Palace Confectionery li jinsab ġo Triq il-Kbira, Ħaż-Żabbar, però aktar ma bdejna navviċinaw, aktar bdew jinfurmawna li ma huwiex argument imma huwa hold up u aktar tard infurmawna li ġew sparati xi tiri. Kif sirna nafu li kien hemm armi nvoluti, waqafna nilbsu l-bullet proofs tagħna u dħalna fil-ħanut, fejn sibna persuna qiegħed ma' l-art li kien qed jiġi miżmum minn sid il-ħanut flimkien ma' żewgt iħbieb tiegħu. Ġejna nfurmati li sar hold up u kienu sparaw u stajna naraw it-tiri fis-saqaf. Mort mill-ewwel fuq il-persuna li wara rriżulta li kien Mark Calleja, I.D. 500872, immanetjajnieh u kif tlabnieh biex ma jirreżistix qalilna "qas niflaħ niċċaqlaq aħseb u ara kemm ħa nirreżistikom". Daħħalnieh ġol-karozza tas-servizz tagħna u iktar tard ġejt mgħoddi arma tan-nar fejn aktar tard x'ħin ġie l-Ispettur Antoine Cilia fuq il-post, fil-presenza tiegħu, kont battalt l-arma għas-safekeeping tagħna fejn ġewwa l-bridge tagħha kien hemm bullet għadha mhux sparata kif ukoll kien hemm żewġ bullets oħra ġol-molla tal-magażin peress li l-magażin kien inkiser. ... L-arma kien għaddihieli dak li kien hemm ġol-ħanut stess dak li kienu żammewh imma nafx who is who. ... Wara mbagħad għaddejtha lis-Surġenta li ġiet maħtura mill-Qorti WPS98 tal-Ballistics.*

PS1444 iddeskriva l-arma in kwistjoni bħala arma żgħira, pistola automatic. Ikkonferma li dak il-ħin hu arresta biss lil Marcus John Calleja u li l-imputat Marlon Baldacchino ma kienx rah fuq il-post.

---

[72] Xhieda mogħtija waqt is-seduta ta' l-10 ta' Jannar 2019, fol. 61 u 62 tal-proċess.

[73] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-12 ta' Marzu 2019, fol. 220 sa' 222 tal-proċess.

Dak dikjarat minn PS1444 Brignano ġie essenzjalment ikkonfermat minn **PC8 Tyrone Bugeja** fix-xhieda li ta waqt is-seduta ta' l-1 ta' Marzu 2019[74].

**PS1337 Kevin Curmi**[75] xehed illi *fit-13 ta' Novembru tas-sena l-oħra* (2018) *kont imsejjaħ mill-Ispettur Fabian Fleri biex nassistieh fi investigazzjoni rigward attentat ta' serqa mill-Crystal Palace Confectionery ġewwa Main Street, Zabbar, fejn irrikorrejt fuq il-post għall-ħabta tat-tmienja u nofs u hemmhekk stajt nara li l-allegat aggressur kien diga ġie arrestat mill-Pulizija, kien qiegħed immanettjat u dan il-ħin kien bilqiegħda fil-karozza tal-Pulizija u kien ġie identifikat bħala Marcus John Calleja. B'titwila fil-ħanut stajt nara li kien hemm taqlib kbir ma' l-art fost affarijiet ta' l-ikel ma' l-art. Ma' l-art kien hemm ukoll tip ta' maskra tal-wiċċ u kien hemm scarf ukoll. Jiena bħala xogħol komplejt dort l-area u bdejt nosserva l-area għal xi CCTV cameras u ġew innutati minni u l-lista ġiet mgħoddija lill-Espert maħtur tal-Qorti Keith Cutajar. Niftakar ukoll li s-Surġent PS1444 Kenneth Brignano kien qalilna li fil-pussess tiegħu kellu l-arma li ġiet użata f'dan l-attentat u hu stess kien għaddieha lill-Espert maħtur tal-Qorti, l-Espert tal-Ballistika. Bl-assistenza ta' l-Ispettur Fleri, aħna assistejna lill-Esperti maħturin tas-SOCO fejn fil-ħanut għamilna tfittxija għall-bullets li ġew sparati waqt l-attentat ta' serqa. Il-ħanut litteralment żarmajnieh minn kull item ta' l-ikel u l-bullets kienu nstabu waħda mas-suffett, is-suffett tal-metall, u l-oħra kienet instabet fl-iskriting ta' xkaffa ma' l-art imdaħħla ġo l-iskirting u dawn ġew elevati mill-membri tas-SOCO. Fuq il-post dik kienet il-parti tiegħi. L-għada l-14 ta' Novembru assistejt ukoll lill-Ispettur Fabian Fleri fejn ħdejn l-Għassa ta' Ħaż-Żabbar konna qed nistennew ċertu Luke Vella, li jiena qed inħares u nagħraf hawnhekk fl-Awla, fejn Luke Vella wasal kien qed isuq vettura ta' l-għamla Smart bin-numru FCP-937 u nfurmajna lil Luke Vella li qiegħed taħt arrest malli ħareġ mill-karozza. Ġewwa l-Għassa ta' Ħaż-Żabbar saret search fuqu u tlabnieh jiżvojta l-bwiet u niftakar li Luke Vella kien ħareġ xi pilloli żgħar ċelesti u xi boroż qishom qratas b'xi trab. Dawn kien ammetta li huma tiegħu u fil-fatt kien qal il-kliem "għadni kemm xtrajtha". Għamilt search jiena bl-assistenza ta' PC1404 fil-karozza ta' Luke ukoll però ma nstab xejn aktar apparti li mill-karozza ġie elevat mobile tal-marka Nokia u minn fuq il-persuna tiegħu kellu Samsung Galaxy J5 u Huawei. Dawn l-aħħar żewġ mobiles kienu bis-sim card u n-Nokia ma kellux sim card. Dawn tagħhom ingħata rċevuta iktar tard mill-kollega tiegħi PC1404. … saret search fl-indirizz ta' Luke, mingħalija Triq il-Misraħ, Ħaż-Żabbar, fejn kien hemm preżenti ommu u oħtu wkoll però ma nstab xejn relatat. … kien hemm persuna oħra fil-karozza li ma kellix x'naqsam magħha, kien hemm ċertu Marlon fil-karozza però jiena kelli x'naqsam ma' Luke u l-Ispettur Lydon Zammit u PC1404 ħadu ħsieb lil Marlon.*

**PC1404 Dale Cassar**[76] essenzjalment ikkonferma dak li ddikjarat PS1337 Kevin Curmi u xehed ulterjorment illi *fuq is-serqa as such għamilt qisu timeline jiena bir-ritratti. … Minn ġo din it-timeline minn sitt cameras differenti li dawru l-post li fih kien hemm attentat ta' serq irnexxieli nistabilixxi li kien hemm tliet persuni*

---

[74] Fol. 171 u 172 tal-proċess.

[75] Xhieda mogħtija waqt is-seduta ta' l-20 ta' Marzu 2019, fol. 251 u 252 tal-proċess.

[76] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tal-25 ta' April 2019, fol. 259 sa' 261 tal-proċess.

*involuti, Marcus li kien daħal biex jisraq, is-Sur Marlon Baldacchino li kien għaddej dejjem fit-triq juża l-mobile fil-kantunieri u jdur lil hemm u lil hawn sakemm il-malvivent daħal biex jisraq. Bażikament kien qed idur u jgħaqad biex jara fiex waslet is-serqa u hekk.*

L-**Ispettur Paul Camilleri**[77] kkonferma li d-Digriet għall-Ħelsien mill-arrest maħruġ mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), Maġistrat Dr. Gabriella Vella, datat 4 ta' Novembru 2018 - Dok. "JP1" a fol. 543 tal-proċess, inħareġ fil-konfront ta' l-imputat f'dawn il-proċeduri Marlon Baldacchino, u li, sa' dakinhar li ta x-xhieda tiegħu, tali kondizzjonijiet kienu għadhom in vigore.

L-**Ispettur Matthew Spagnol**[78] ippreżenta Digriet għall-Ħelsien mill-Arrest fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Luke Vella" maħruġ mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), Maġistrat Dr. Antonio Vella datat 5 ta' Jannar 2018 - Dok. "MS" a fol. 599 tal-proċess. Fis-seduta ta' l-10 ta' Diċembru 2019[79], huwa kkonferma li d-Digriet in kwistjoni kien inħareġ fil-konfront ta' l-imputat Luke Vella f'dawn il-proċeduri.

L-**Ispettur Justine Grech**[80] ikkonfermat li d-Digriet għall-Ħelsien mill-Arrest fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Luke Vella" maħruġ mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), Maġistrat Dr. Audrey Demicoli, datat 29 ta' Frar 2016 - Dok. "JP2" a fol. 544 tal-proċess - inħareġ fil-konfront ta' Luke Vella. Fis-seduta ta' l-10 ta' Jannar 2020[81], hija kkonfermat li d-Digriet in kwistjoni kien inħareġ fil-konfront ta' l-imputat Luke Vella f'dawn il-proċeduri.

**RPC3141 Janet Cicala**[82] xehdet illi l-imputat Marlon Baldacchino qatt ma kellu u ma għandux liċenzja maħruġa mill-Kummissarju tal-Pulizija filwaqt li l-imputat Luke Vella ma għandux liċenzja maħruġa mill-Kummissarju tal-Pulizija iżda fil-passat kien xtara arma u kien biegħha. Dwar dan ippreżentat dokumenti flimkien markati Dok. "JC" a fol. 584 sa' 586 tal-proċess.

**Joseph Attard**[83], sid il-ħanut Crystal Palace fi Triq il-Kbira, Ħaż-Żabbar, xehed illi *fit-13 ta' Novembru 2018, kienu xit-tmienja jew it-tmienja neqsin għaxra, naf li kont qed naqdi waħda mara b'tifel magħha u minn warajha dehrli li rajt lil xi ħadd mhux tas-soltu b'maskra u kif dar biex jipponta l-pistola lejja, ma nafx kif tirt għalih u mejjitltu l-pistola 'l fuq, naf li ġibed xi tiri u bdejt ngħajjat lil Darren u ngħidlu "ħsiebek hemm għax għandu l-arma". Naf li spiċċajna ma' l-art u nissaraw miegħu biex nieħdulu l-pistola. Sadanittant waqt li kien ma' l-art bil-pistola beda jispara fuq l-affarijiet u bdejna nissaraw biex nieħdulu l-pistola. ... hu, sakemm ħadnilu, x'ħin kien ma' l-art spara jiġifieri mbagħad x'ħin ħadnilu l-pistola u neħħejnilu l-maskra u qalilna "mhux hawn ridt niġi, żommu l-pistola ħa*

---

77 Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-23 ta' Settembru 2019, fol. 580 u 581 tal-proċess.

78 Xhieda mogħtija waqt is-seduta tal-31 ta' Ottubru 2019, fol. 598 tal-proċess.

79 Fol. 618 u 619 tal-proċess.

80 Xhieda mogħtija waqt is-seduta tal-31 ta' Ottubru 2019, fol. 603 tal-proċess.

81 Fol. 623 tal-proċess.

82 Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-23 ta' Settembru 2019, fol. 582 u 583 tal-proċess.

83 Xhieda mogħtija waqt is-seduta tas-27 ta' Diċembru 2018, fol. 40 sa' 43 tal-proċess.

*nitlaq". Għedltu "le ma titlaqx" u sadanittant Darren beda jċempel id-depot għax naf li ħa l-mobile u sadanittant żemmejnieh taħtna.*

Attard xehed illi miegħu dakinhar kien hemm Darren Galea u ċertu Justin li però ma jafx x'inhu kunjomu. *Dawn kienu ħdejja għax jiġu sa' ħdejja kull filgħaxija għax jiena u Darren għandna ż-żwiemel bi sħab u jgħaddi kull filgħaxija ħdejja Darren, u l-ieħor kumbinazzjoni kien hemm għax konna qed nitkellmu, għax dilettanti taż-żwiemel.* Huwa rrefera għal din il-persuna li daħlet bil-maskra u armata bħala Mark u qal li jaf min hu għaliex hu, ossia Attard, għamel tlieta u għoxrin sena jgħix Ħal-Balzan. Fir-rigward ta' l-imputati f'dawn il-proċeduri huwa iddikjara li *Marlon din it-tielet darba, darba fost l-oħrajn ħriġt u nsib il-vann jiċċaqlaq, insib lilu ġol-vann qed jisraqli xi twenty Euro mis-cigarette lighter u dan qed insemmi xi tliet snin, erba' snin ilu, u xi sitt xhur ilu kont anki mort l-Għassa, kont ħiereġ mill-ħanut fid-disgħa, naħseb iktar minn sitt xhur, għandi Peugeot griż, għalaqt u ħiereġ u kont qed nitkellem ma' ħabib tiegħi fuq il-mobile, ħin minnhom tani daqqa ta' bieba jiena u tiela' ġol-vann imma naf li mbuttajtu u inqaleb lura u ġejt face to face miegħu. Mort l-għassa, naf li kellmuh imma rapporti naf li ma niżżlux qalli "dak taħt l-età għandna nkellmuh", ġie missieru u tkellimt ma' missieru u qalli "ma nista' nagħmel xejn għax ħa jġenninni", dak li naf li qalli għax din già t-tielet darba. … Luke Vella ġie kemm il-darba jixtri mingħandi, sa' tliet ġimgħat ilu ġie jixtri mingħandi.* Fir-rigward ta' Mark qal li huwa qatt ma mar jixtri għandu u kemm kien ilu bil-ħanut, madwar disa' snin, qatt ma rah hemm u li qabel dakinhar ta' l-inċident kien ilu iktar minn disa' snin ma jarah.

In kontro-eżami[84] Joseph Attard iddikjara li Marcus John Calleja nduna min kien meta neħħielu l-maskra minn wiċċu. Meta neħħielu din il-maskra qallu *saħħa ittradejt lil missieri, anke lili ġejt tittradixxi?* u spjega *dak xi daqqa ta' 18-il sena ilu kien ġie u qallu li għandu d-deheb tal-mara biex ibiegħulu, missieri mar ġo ħanut fi Psaila Street, għadu miftuħ sa' llum il-ġurnata, missieri xtrah bis-sewwa u tant kemm hu hekk qallu biex jagħmilulu ġiżirana u ċappetta, wara xi xahrejn jew xahrejn u nofs, niftakar ġie l-Ispettur Saliba u qallu "irrid inkellmek George" u f'daqqa waħda lil missieri ma nafx x'sar minnu. Inġabar għal 48 siegħa, telquh u reġgħu ġabruh, sadanittant qabbadna avukat u hekk u darba minnhom mort sibt lill-Ispettur u għedtlu "Isma' kif missieri maqful ġewwa u l-oħrajn jiġru barra?",* fosthom Marcus John Calleja. *Dakinhar lil missieri telquh u ressqu lilhom. Imbagħad wara xi ħamest ijiem reġgħu ressqu lil missieri u qalilhom li missieri kien jafu imma missieri kellu x-xhieda dak iż-żmien li ħa tal-ħanut. … Missieri kulma tilef id-deheb għax qalulu li dak ma jistax jieħdu lura u ħareġ liberat. Jiena ħassejtha għax x'ħin qlajtlu l-maskra u naf li lil missieri ttradewh u minbarra li ittradixxa lili wkoll.* Attard qal li lil Marcus John Calleja kien ilu jaf żmien twil peress li t-tnejn minn Ħal-Balzan u qal li Calleja kien jaf x'jagħmel u kollox.

Fil-konfront ta' l-imputat Luke Vella xehed *Luke dejjem ġie jixtri mingħandi u qatt ma rajt xejn ħażin mingħandu.* Qal ukoll *Luke issa qed joqgħod fl-isqaq, qabel ma kienx joqgħod hemm u l-ieħor* (l-imputat Marlon Baldacchino) *jista' jitkellem ċar,*

[84] Seduta ta' l-24 ta' Mejju 2022, fol. 804 sa' 808 tal-proċess.

*dejjem ippruvjat nghħinu, hu ma riedx jisma'*. In ri-eżami saħaq li l-imputat Luke Vella beda jgħix fl-isqaq fiż-żmien tal-kontro-eżami tiegħu u qal ukoll li Marcus John Calleja qatt ma kien ġie l-ħanut tiegħu iżda kien jafu għax kien jgħix viċin ta' ommu.

**Darren Galea**[85] essenzjalment ikkonferma li dakinhar ta' l-akkadut huwa kien ġol-ħanut Crystal Palace f'Ħaż-Żabbar flimkien ma' sid il-ħanut Joseph Attard u ċertu Justin. F'ħin minnhom sema' lil Joseph Attard jgħid "għandu arma, għandu arma" u x'ħin dar ra raġel b'revolver f'idejh u l-imsemmi Joseph Attard jissara miegħu. Mar jgħin lil Attard u hemm waqgħu ma' l-art u ħadu r-revolver minn idejn dan ir-raġel. Mandakollu xorta taru xi tiri, kemm meta r-raġel kien għadu bilwieqfa kif ukoll xi waqgħu kollha ma' l-art.

**Justin Cassar**[86] ikkonferma li dakinhar ta' l-akkadut huwa kien qiegħed fil-ħanut ta' Joseph Attard peress li kien qed jurih xi pjanta ta' xi għalqa li kien interessat fiha. Stqarr *naf li daħal raġel. … Għax jiena ma rajtux mal-ewwel lilu għax jiena smajt qisu ħoss ta' trakki trakki bħal kif għandhom it-tfal u qisu qas tajt każ u smajt lil Joseph jgħajjat "hold up, hold up". … Imbagħad qabżu fuqu, ħadtlu l-arma minn idu u qabel ma ħadtlu l-arma, huma ppruvaw jaqlugħlu l-maskra minn wiċċu. … L-ieħor li bdejt nurih il-pjanta, il-Kajju, u Joseph, sid il-ħanut, ippruvaw jaqilgħulu l-maskra minn ġo wiċċu u jiena mmarkajtlu s-senter. Qabel xejn, hu kien qiegħed taħt għax intelaq ma' l-art u dar wiċċu 'l isfel u smajt xi tir ieħor imma mbagħad smajt mill-aggressur "qed tagħfsuli l-arma" u ħadtlu l-arma minnu idu għax imbagħad dar għax xi wieħed minn dawk it-tnejn, tgħidlix min kien, qallu "ukoll qed tispara" u qallu "intom qed tagħfsuli l-arma". Imbagħad kif dar wiċċu 'l fuq u kif rajt l-arma qiegħda hekk, għax jiena lanqas ridt inlaqqat tir jiena, tellajtlu jdejh u ġbidtlu l-arma u għedtilhom "il-periklu telaq". Imbagħad l-arma tajtha lill-Pulizija u għedtilhom li hemm il-finger prints tiegħi għax peress li qbadtha f'idi, mhux ħa naqbadha bl-ingwanti dak il-ħin.* Cassar stqarr li kif kellu l-arma f'idu taha daqqa mal-bank u qaċċtilha l-maggażżin. Mistoqsi dwar x'tip ta' maskra kellu dan il-persuna li daħal, Cassar ma kienx f'posizzjoni jirrispondi *għax dak il-ħin kollox blank bdejt nara ghax bdejt nibża'*. Peress li ma rax lil din il-persuna sew minn wiċċu, huwa ma kienx f'posizzjoni jgħarfu.

**Christopher Cassar**[87] xehed illi dakinhar huwa kien mar il-ħanut biex jixtri iżda kif daħal sema' "bumm" u reġa' telaq il-barra jiġri. Min kien fil-ħanut qallu biex imur dritt l-Għassa tal-Pulizija u huwa hekk għamel. Huwa ma rax wiċċ il-persuna li kienet ma' l-art għaliex tlieta min-nies kienu qegħdin fuqu jippruvaw jneħħulu l-maskra u dak il-ħin tar tir u ħareġ il-barra jiġri.

**Dejan Caruana**[88] xehed illi dakinhar ta' l-inċident *jiena mort mixtri minn ġo dan il-ħanut. … Crystal Palace. .. Ħaż-Żabbar, it-triq ma nafx x'jisimha. Mort nixtri sigarett minn dan il-ħanut jiena bir-rota u x'ħin ftaħt il-bieb indunajt li kien hemm*

---

85 Xhieda mogħtija waqt is-seduta tal-15 ta' Jannar 2019, fol. 80 sa' 82 tal-proċess.

86 Xhieda mogħtija waqt is-seduta ta' l-10 ta' Jannar 2019, fol. 72 sa' 75 tal-proċess.

87 Xhieda mogħtija waqt is-seduta tal-15 ta' Jannar 2019, fol. 78 u 79 tal-proċess.

88 Xhieda mogħtija waqt is-seduta tas-27 ta' Diċembru 2018, fol. 44 sa' 49 tal-proċess.

*xi ħaġa ħażin, naħseb bdew jiġġieldu. Tlaqt u kien hemm wieħed barra u kont għaddej bir-rota jiena u waqqafni u talabni lighter u mbagħad qalli biex inwasslu biċċa bir-rota sat-tarf tat-triq kważi u waqaft hemmhekk u jiena erġajt mort id-dar.* Caruana qal li din il-persuna kienet ħdejn il-fond bl-isem "New Fit" u x'ħin waqqfu talbu lighter u qallu biex iwasslu biċċa bir-rota. Huwa bħala fatt wasslu u waqfu tul ta' madwar seba' karozzi jew ftit iktar il-bogħod mill-ħanut fejn kien hemm il-kommossjoni. Għalkemm qal li lil din il-persuna kien jafha għaliex ġieli raha Ħaż-Żabbar, meta ġie biex jara jagħrafx lil xi ħadd fl-Awla huwa ma għaraf lil ħadd b'mod ċert u ma setgħax jgħid fiċ-ċert jekk il-persuna lil min ta lift bir-rota kienet fl-Awla jew le.

**Cristina Maria Francesci**[89] xehdet illi hija kienet iltaqgħet ma' l-imputat Luke Vella u fil-perijodu ta' Novembru huwa kien ċemplilha. Iddikjarat li n-numru tagħha huwa 99239023 u li meta Vella kien jċemplilha, it-telefonati kienu jsir mill-mobile personali tiegħu u darba minnhom ċemplilha minn numru ieħor. Madanakollu però ma setgħetx tiftakar in-numru ta' l-imputat Luke Vella iżda ikkonfermat li telefonata minnhom saritilha mill-mobile li kellmuha dwaru l-Pulizija. Stqarret ukoll li meta ġieli ltaqgħet ma' l-imputat Luke Vella huwa kien ikun b'karozza sewda.

**Brian Farrugia**[90], in rappreżentanza ta' Transport Malta, xehed illi l-vettura bin-Numru ta' Reġistrazzjoni FCP-937, hija vettura ta' l-għamla Smart Fourtwo Passion ta' kulur iswed u mis-6 ta' Novembru 2018 sa' dakinhar tax-xhieda tiegħu (19 ta' Frar 2019) kienet reġistrata f'isem Maxine Vella, detentriċi tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 136791(M), hekk kif ikkonfermat mid-dokument esebit minnu markat Dok. "BF" a fol. 106 sa' 108 tal-proċess.

**Stephen Cachia**[91], in rappreżentanza ta' Transport Malta, xehed illi minn riċerka li għamel dwar il-liċenzja tas-sewqan ta' Luke Vella, detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 520895(M), irriżulta li Vella kellu liċenzja Kategorija B, jiġifieri li jsuq karozza to 3500kg, iżda tali liċenzja ġiet revokata fl-10 ta' Lulju 2015 bis-sistema tal-punti u hu, ossia Vella, ma reġax applika biex jitla' għat-test. Dwar dan ippreżenta dokument relattiv markat Dok. "SC" a fol. 258 tal-proċess.

**Maxine Vella**[92], oħt l-imputat Luke Vella, xehdet illi l-vettura ta' l-għamla Smart kienet tagħha u li kienet xtrata f'Novembru 2018 u reġgħet biegħitha mill-ewwel (għalkemm mix-xhieda ta' Brian Farrugia u d-dokumenti esebiti minnu ma jirriżulta l-ebda *change in ownership*) u li jista' jkun li dakinhar ta' l-akkadut ħuha l-imputat kien qed idur b'din il-vettura peress li ried jeħodha lil min xtraha.

**Marisa Gauci**[93], in rappreżentanza ta' Vodafone Malta Limited, ippreżentat *call profile* u *localisation* tal-mobile bin-numru 99506753, ossia tan-numru ta' l-

---

[89] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tal-15 ta' Jannar 2019, fol. 83 sa' 86 tal-proċess.

[90] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tad-19 ta' Frar 2019, fol. 104 u 105 tal-proċess.

[91] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tal-25 ta' April 2019, fol. 257 u 258 tal-proċess.

[92] Xhieda mogħtija waqt is-seduta ta' l-1 ta' Marzu 2019, fol. 154 sa' 156 tal-proċess.

[93] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tad-19 ta' Frar 2019, fol. 109 u 110 tal-proċess.

imputat Marlon Baldacchino, kif ukoll tal-mobile bin-numru 99239023, ossia tan-numru ta' Cristina Maria Francesci - Dok. "MG" a fol. 111 sa' 135 tal-proċess.

Mill-*call profile* tan-numru 99239023 jirriżulta konfermat li nhar it-13 ta' Novembru 2018 f'7:20:34p.m. dan in-numru rċieva telefonata min-numru 77064646, ossia min-numru ta' Marcus John Calleja. Il-mobile 99239023 kien lokalizzat il-Gżira - Gżira_talKarmnu_3G_a_F2. Jiġi notat ukoll li dakinhar f'6:51:41p.m. kien hemm tentattiv ta' telefonata min-numru 99239023 lin-numru 77395858, ossia lin-numru ta' l-imputat Luke Vella. Il-mobile bin-numru 99239023 kien lokalizzat fl-area bl-antenna OK_3G_A_F2. F'6:54:17p.m. saret telefonata minn dan in-numru, ossia 99239023, lin-numru 77395858, u cioè lin-numru ta' l-imputat Luke Vella, u l-mobile bin-numru 99239023 kien lokalizzat fl-area bl-antenna OK_3G_A_F2. F' 7:00:02p.m. kien hemm tentattiv ta' telefonata min-numru 99506753, ossia n-numru ta' l-imputat Marlon Baldacchino, lin-numru 99239023. Dan l-aħħar numru kien lokalizzat fl-area bl-antenna TaXbiex_2_3G_C_F2. F'7:00:35p.m. saret telefonata lin-numru 99239023 min-numru 99506753, ossia min-numru ta' l-imputat Marlon Baldacchino. Il-mobile bin-numru 99239023 kien lokalizzat il-Gżira - Gżira_STBusiness_3G_B_F u saret telefonata oħra bejn l-istess żewġ numri f'7:10:13p.m.[94].

Mill-*call profile* tan-numru 99506753, ossia n-numru tal-mobile ta' l-imputat Marlon Baldacchino, jirriżulta li bejn it-12 ta' Novembru 2018 u t-13 ta' Novembru 2018 kien hemm ħafna kuntatt man-numru 77395858, ossia man-numru ta' l-imputat Luke Vella. Jirriżultaw b'mod partikolari s-segwenti: telefonata min-numru 77395858 lin-numru 99506753 f'5:49:32p.m., bin-numru 99506753 lokalizzat Ħaż-Żabbar - Żabbar_Bajada_A. Telefonata oħra min-numru 77395858 lin-numru 99506753 f'6:24:20p.m., bin-numru 99506753 lokalizzat Ħaż-Żabbar - Żabbar_Bajada_A u oħra bl-istess mod u bl-istess *localisation* f'6:32:05p.m. Jirriżulta kkonfermat li bejn 7:53:42p.m. u 8:02:41p.m., ossia fuq medda ta' madwar disa' minuti saru ħames telefonati min-numru 77395861, ossia n-numru l-ieħor ta' l-imputat Luke Vella, lin-numru 99506753, b'dan in-numru lokalizzat fl-areas bl-antennae ESL_2_B, ESL_2_A u Zabbar_Bajada_B. Il-kuntatt bejn in-numri taż-żewġ imputati odjerni kompla anke matul il-ġurnata ta' l-14 ta' Novembru 2018[95].

**Amelie Abela**[96], in rappreżentanza ta' Melita Limited, ippreżentat *call profile* u *localisation* tan-numri 7706464 - in-numru ta' Marcus John Calleja, 77395858 u 77395861 - in-numri ta' l-imputat Luke Vella, u n-numru 77319374.

Mill-*call profile* tan-numru 7706464, ossia n-numru ta' Marcus John Calleja, jirriżulta li fit-12 ta' Novembru 2018 kien hemm diversi telefonati lejn in-numru 77395858, u cioè n-numru ta' Luke Vella. Dawn it-telefonati saru f'12:35:57, 12:36:51, 17:44:43, 17:49:13, 17:59:50 u 22:20:54. Fit-12 ta' Novembru 2018 saret ukoll telefonata bejn n-numru ta' Marcus John Calleja u n-numru l-ieħor ta' l-

[94] Fol. 120 u a tergo ta' fol. 124 tal-proċess.

[95] A tergo ta' fol. 127 sa' a tergo ta' fol. 128 tal-proċess.

[96] Xhieda mogħtija waqt is-seduta ta' l-1 ta' Marzu 2019, fol. 157 u 158 tal-proċess.

imputat Luke Vella 77395861 u din saret f'18:04:24. Fit-13 ta' Novembru 2018 reġa' kien hemm kuntatt bejn in-numri ta' Marcus John Calleja u ta' l-imputat (77395858) u dawn saru f'10:56:45, 17:45:14, 17:47:03, 17:58:17, 18:02:52, 18:06:57. It-telefonati li saru waranofsinhar ossia minn 17:45:14 sa' 18:06:57 juru li l-mobile ta' Marcus John Calleja kien fl-areas bl-antennae Balzan Church, Iklin Farrugia tal-Linef u B'Kara St. Teresa. Meta saret it-telefonata mill-mobile ta' Marcus John Calleja lin-numru ta' Cristina Maria Francesci nhar it-13 ta' Frar 2018 f'19:20:07, il-mobile ta' Calleja kien fl-area bl-antenna Fgura B4 Stores[97].

Mill-*call profile* tan-numru ta' l-imputat Luke Vella 77395858 jirriżultaw ikkonfermati d-diversi telefonati li saru ma' l-imputat Marlon Baldacchino bejn it-12 ta' Novembru 2018 u l-14 ta' Novembru 2018. Jirriżultaw ukoll ikkonfermati t-telefonati bejn dan in-numru ta' l-imputat u n-numru ta' Marcus John Calleja fit-12 ta' Novembru 2018 u t-13 ta' Novembru 2018. Bħala *localisation* jirriżulta s-segwenti: telefonati ma' Marcus John Calleja - fit-13 ta' Novembru 2018 f'17:58:17 kien fl-area bl-antenna B'Kara Valley Road, f'18:02:52 fl-area bl-antenna Birkirkara Council u f'18:06:56 fl-area bl-antenna B'Kara Santu Rokku; telefonati ma' l-imputat Marlon Baldacchino - fit-13 ta' Novembru 2018 f'18:31:38 kien fl-area bl-antenna Żabbar Barumbara[98].

Mill-call profile tan-numru ta' l-imputat Luke Vella 77395861 jirriżultaw ikkonfermati d-diversi telefonati li saru ma' l-imputat Marlon Baldacchino fit-13 ta' Novembru 2018 bejn 19:53:15 u 20:02:14 u l-mobile ta' Luke Vella kien fl-area bl-antenna Żabbar ESL u fil-ħin ta' l-aħħar telefonata Żabbar Barumbara. Tirriżulta ikkonfermata wkoll it-telefonata man-numru ta' Marcus John Calleja fit-12 ta' Novembru 2018 f'18:04:24 u l-mobile ta' l-imputat kien fl-area bl-antenna B'Kara Santu Rokku[99].

L-**Espert Tekniku Keith Cutajar**[100] ippreżenta r-Relazzjoni tiegħu markata Dok. "KC" a fol. 189 sa' 218 tal-proċess, liema Relazzjoni tittratta dwar l-analiżi u estrazzjoni relattivi għat-tlett mobiles li nstabu fil-pussess ta' l-imputat Luke Vella u tal-mobile fil-pussess ta' l-imputat Marlon Baldacchino. Fost affarijiet oħra l-analiżi ta' l-Espert Tekniku Keith Cutajar tikkonferma t-telefonati li rriżultaw mill-*call profiles* esebiti minn Marisa Gauci in rappreżentanza ta' Vodafone Malta Limited u minn Amelie Abela in rappreżentanza ta' Melita Limited.

L-**Espert Forensiku l-Professur Emanuel Sinagra**[101] ppreżenta r-Relazzjoni tiegħu markata Dok. "ES" a fol. 225 sa' 234 tal-proċess. Mill-analiżi tal-pillola u nofs ta' lewn blu fuq barra u lewn abjad fuq ġewwa, tas-sustanza solida kafellate fi tlett iqratas tal-plastic trasparenti b'piż kull waħda ta' 0.16g, 0.17g u 0.105g u tat-trab ta' lewn abjad f'qartas tal-plastic trasparenti b'piż ta' 0.32g, irriżulta li fis-sustanza solida kafellate u t-trab abjad instabet is-sustanza kokaina. L-imsemmi Espert

[97] Fol. 160 tal-proċess.

[98] A tergo ta' fol. 163 tal-proċess.

[99] Fol. 166 tal-proċess.

[100] Seduta tat-12 ta' Marzu 2019, fol. 187 u 188 tal-proċess.

[101] Seduta tat-12 ta' Marzu 2019, fol. 223 u 224 tal-proċess.

Forensiku kkonkluda li *l-piż tas-solidu kafellatte kien ta' 0.435 grammi u l-purità kienet ta' ċirka 15%. Il-piż tat-trab abjad kien ta' 0.30 grammi u l-purità kienet ta' cirka 18%. Is-sustanza kokaina hija kkontrollata bil-liġi taħt l-Ewwel Skeda Taqsima I tal-Kapitlu 101 tal-Liġijiet ta' Malta*[102].

L-**Avukat Dr. Benjamin Valenzia**[103] ppreżenta t-traskrizzjonijiet ta' l-istqarrijiet rilaxxati mill-imputati - stqarrijiet rilaxxati mill-imputat Luke Vella fil-15 ta' Novembru 2018 u fis-17 ta' Diċembru 2018 esebiti a fol. 263 sa' 296 tal-proċess; stqarrija rilaxxata mill-imputat Marlon Baldacchino fis-17 ta' Diċembru 2018 esebita a fol. 509 sa' 526 tal-proċess.

Il-**Prokuratur Legali Eunice Grech Fiorini**[104], Reġistratur Qrati Kriminali u Tribunali, ippreżentat il-Procès-Verbal bin-Numru 164/19 dwar attentat ta' serqa b'arma tan-nar mill-fond Crystal Palace Confectionery, Main Road, Żabbar, ta' flus kontanti li jammontaw għal tlett elef Euro (€3,000) irrapurtata nhar it-13 ta' Novembru 2018 - Dok. "PV" a fol. 316 sa' 487 tal-proċess.

Mir-Relazzjoni tas-Scene of Crime Officers PS586 Mario Azzopardi u PC813 Clinton Vella[105] jirriżulta li meta aċċedew fil-fond Crystal Palace, Triq il-Kbira, Żabbar, nhar it-13 ta' Novembru 2018, għall-ħabta tad-9:30p.m., huma *setgħu jinnutaw illi hekk kif tidħol ġewwa l-imsemmija Confectionery kien hemm ammont ta' taqlib fl-ewwel parti ta' l-istess ħanut. Dan ġara waqt il-ħin li l-vittmi bdew jirreżistu lill-aggressur. Viċin il-bank fejn ikun hemm il-kaxxier, ma' l-art qabel tidħol għal ġewwa l-kamra ta' ġewwa, ma njama li magħha kien hemm imwaħħla xi lewż, kien hemm balla ġo l-istess injam fejn ma' l-art aktar tard mal-ħin kien instab skartoċċ sparat. Mas-saqaf, eżatt fuq il-kaxxier, li kien magħmul minn pannelli tal-plastik seta' jiġi nnutat li kien hemm toqba li seta' jagħti l-każ li dik it-toqba ġiet magħmula minn tir li kien sparat f'dik id-direzzjoni. PS1444 K. Brignano kien informa lill-esponenti illi fil-pussess tiegħu kellu l-arma tan-nar li ntużat waqt l-aggressjoni fejn huwa kien għamilha safe, u magħha kien hemm skartoċċ sparat u żewġ balal oħra mhux sparati flimkien ma' molla tal-magazine. Illi ħdjen il-fridges u l-freezers seta' jiġi nnutat illi kien hemm xi evidenza marbuta ma' l-aggressur fejn instabu xalla ta' lewn iswed, barnuża ta' lewn iswed tal-marka KAPPA, par ingwanti ta' lewn iswed b'xi kliem abjad fuqhom u maskla tal-materjal tar-rubber. Ġie spjegat mill-vittmi li dawn l-affarijiet imsemmija kienu kollha jappartjenu għall-aggressur fejn dan kien daħal liebes lilhom ġol-ħanut. Fuq in-naħa ta' ġewwa tal-ħanut kien kollox normali fejn ma seta' jiġi nnutat xejn partikolari u dan ġie kkonfermat mill-vittimi illi l-kommossjoni kienet inqalgħet fuq in-naħa ta' barra tal-ħanut* - dan kollu ġie ffotograt u r-ritratti ġew dokumentati skond il-Kodiċi tal-Laboratorju Forensiku minn DOK 18 COO 101 sa' DOK 18 COO 166.

---

[102] Fol. 228 tal-proċess.

[103] Seduta tal-25 ta' April 2019, fol. 262 tal-proċess u seduta tat-13 ta' Ġunju 2019, fol. 508 tal-proċess.

[104] Seduta tal-25 ta' April 2019, fol. 315 tal-proċess.

[105] Fol. 331 sa' 391 tal-proċess.

L-affarijiet li nstabu ġew elevati minn PC813 Clinton Vella u ddokumenti skond il-Kodiċi tal-Laboratorju Forensiku minn 18 COO 201 sa' 18 COO 204. Dawn l-oġġetti ġew insegwitu mgħoddija lill-Espert Dr. Marisa Cassar.

Is-Scene of Crime Officer PC813 Clinton Vella flimkien ma' l-Espert tal-Ballistika WPS98 Gloria Alamango bdew tfittxija għal balal u skrataċċ peress li kienu ġew sparati xi tiri. Instabu u ġew elevati: balla dokumentata skond il-Kodiċi tal-Laboratorju Forensiku DOK 18 COO 205 fi xkaffa ta' l-injam fejn kien hemm pakketti tal-lewż viċin il-cash register, viċin fejn instabet din il-balla instab ukoll skartoċċ sparat dokumentat skond il-Kodiċi tal-Laboratorju Forensiku 18 COO 209, balla dokumentata skond il-Kodiċi tal-Laboratorju Forensiku DOK 18 COO 206 fis-suffett magħmul minn pannelli tal-plastic, biċċa plastic sewda li setgħet kienet parti mill-magazine ta' l-arma fuq il-bank tal-kaxxier f'parti fejn jinżamm xi ħelu dokumentata skond il-Kodiċi tal-Laboratorju Forensiku DOK 18 COO 207. L-istess Scene of Crime Officer PC813 Clinton Vella eleva wkoll l-arma li kien ħa pussess tagħha PS1444 Kenneth Brignano, u li fiha kien hemm żewġ balal mhux sparati u skartoċċ sparat, dokumentati flimkien skond il-Kodiċi tal-Laboratorju Forensiku DOK 18 COO 208. Dawn l-oġġetti kollha ġew mgħoddija lill-Espert tal-Ballistika WPS98 Gloria Alamango.

Mir-Relazzjoni ta' l-Espert Tekinku Keith Cutajar[106] jidher li analizza diversi CCTV cameras u filmati pertinenti għall-każ in eżami u ħareġ dawk l-istills li huma rilevanti għall-istess.

**WPS98 Gloria Alamango** ppreżentat ir-Relazzjoni tagħha fil-25 ta' Ġunju 2019[107] markata Dok. "GA" a fol. 534 sa' 541 tal-proċess. Wara li eżaminat l-oġġetti mgħoddija lilha mis-Scene of Crime Officer PC813 Clinton Vella dokumentati minn DOK 18 COO 205 sa' DOK 18 COO 209, WPS98 Gloria Alamango kkonkludiet illi: *A. Għalkemm il-pistola Dok 18 COO 208 falliet milli testratta l-iskartoċċ il-vojt waqt it-tieni test fire, din xorta tiffunzjona tajjeb. B. Dok. 18 COO 205, Dok. 18 COO 206, parti minn Dok. 18 COO 208 (skartoċċ sparat) u Dok. 18 COO 209 huma kollha ta' l-istess kalibru u cioè "6.35mm Browning" jew ".25 auto". Dan huma l-istess kalibru tal-parti l-oħra minn Dok. 18 COO 208 u cioè l-pistola, u għaldaqstant hemm il-possibilità li setgħu ġew sparati minnha.*

L-**Espert Tekniku l-Perit Richard Aquilina**[108] ppreżenta l-ewwel Relazzjoni tiegħu, markata Dok. "RA" a fol. 658 sa' 672 tal-proċess, fejn essenzjalment ħejja: pjanta ta' parti mis-Survey Sheet ta' Ħal-Balzan fejn jidher indikat il-fond Nru.31, Triq il-Wied ta' Ħal-Balzan, Balzan - Dok. "A" fol. 662 tal-proċess; pjanta ta' parti mis-Survey Sheet ta' Ħaż-Zabbar fejn jidher il-fond Crystal Palace Confectionery, Triq il-Kbira, Żabbar - Dok. "B" fol. 663 tal-proċess; pjanta ta' parti mis-Survey Sheet ta' Ħaż-Żabbar fejn jidher il-fond Nru.46, Misraħ is-Sliem, Żabbar - Dok. "C" fol. 664 tal-proċess; pjanta ta' parti mis-Survey Sheet ta' Ħaż-Żabbar, fejn jidher il-fond Nru.16, Triq San Ġużepp, Żabbar - Dok. "D" fol. 665 tal-proċess; u parti mill-

[106] Fol. 392 sa' 483 tal-proċess.

[107] Fol. 532 u 533 tal-proċess.

[108] Xhieda mogħtija waqt is-seduta ta' l-20 ta' Awwissu 2020, fol. 657 tal-proċess.

mappa ta' Malta fejn jidhru indikati: (i) 31, Eileen Flats, Triq il-Wied ta' Ħal-Balzan, Balzan, (ii) Crystal Palace Confectionery, Triq il-Kbira, Żabbar, (iii) 46, Misraħ is-Sliem, Żabbar, (iv) 16, Triq San Ġużepp, Żabbar - Dok. "E" fol. 666 tal-proċess.

Fis-seduta tad-19 ta' April 2021[109], l-Espert Tekniku l-Perit Richard Aquilina ippreżenta t-tieni Relazzjoni tiegħu markata Dok. "RA2" a fol. 702 sa' 718 tal-proċess. F'din ir-Relazzjoni huwa, bl-assistenza ta' l-Espert Tekniku Keith Cutajar, immarka l-antenni tas-*service providers* fuq liema setgħu jinqabdu n-numri tal-mobiles 99506753, 77395858, 77064646, 77317374 u mmarka wkoll l-posizzjoni tal-fondi indikati minnu fl-ewwel Relazzjoni vis-à-vis dawn l-antenni.

Din ir-Relazzjoni ta' l-Espert Tekniku l-Perit Richard Aquilina tinsab ulterjorment sostnuta mir-Relazzjoni ta' l-**Espert Tekniku Keith Cutajar** esebita fid-19 ta' April 2021[110], markata Dok. "KCX" a fol. 721 tal-proċess.

Minn dawn ir-Relazzjonijiet jirriżulta li l-fond 31, Eileen Flats, Triq il-Wied ta' Ħal-Balzan, Balzan, jaqa' taħt l-antenna Balzan Church sitwata fi Triq il-Kbira, Ħal-Balzan. Il-fond Crystal Palace Confectionery, Triq il-Kbira, Żabbar, jaqa' taħt l-antenna ESL_2 sitawata St. Anne Flats, No.3, Labour Road, Żabbar. Il-fond Nru.46, Misraħ is-Sliem, Żabbar, jaqa' taħt l-antenna Zabbar_Bajada sitwata f'Nru. 42, Triq Bajada, Żabbar, u l-fond Nru. 16, Triq San Ġużepp, Żabbar, jaqa' taħt l-antennae Zabbar_1 u Zabbar_Bajada, sitwati rispettivament f'Good Looks, Sanctuary Street, Żabbar, u Nru.42, Triq Bajada, Żabbar.

**Stefania Scicluna**[111], in rappreżentanza tar-Reġistratur Qrati Kriminali u Tribunali, iddikjarat li mis-sentenzi fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Luke Vella" pronunċjata mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fl-14 ta' Ġunju 2010, "Il-Pulizija v. Luke Vella" pronunċjata mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fis-16 ta' Ġunju 2010, "Il-Pulizija v. Luke Vella" pronunċjata mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fit-22 ta' Marzu 2018, "Il-Pulizija v. Marlon Baldacchino" pronunċjata mill-Qorti tal-Minorenni fl-1 ta' Ġunju 2016, u "Il-Pulizija v. Marlon Baldacchino" pronunċjata mill-Qorti tal-Minorenni fl-1 ta' Ġunju 2016, ma kienx hemm appell u lanqas hemm multi pendenti fil-konfront ta' l-imputati Luke Vella u Marlon Baldacchino.

**Franklin Calleja**[112], Assistent Reġistratur Qrati Kriminali u Tribunali, iddikjara li mis-sentenza fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Marlon Baldacchino" pronunċjata mill-Qorti tal-Minorenni fil-11 ta' Ottubru 2017 ma kienx hemm appell u l-ammenda ta' €200 hemm imposta ġiet imħallsa. Dan jinsab ikkonfermat fid-dokument esebit minnu markat Dok. "FCX1" a fol. 781 tal-proċess.

[109] Fol. 701 tal-proċess.

[110] Fol. 719 u 720 tal-proċess.

[111] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-2 ta' Ġunju 2021, fol. 747 tal-proċess.

[112] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tas-16 ta' Settembru 2021, fol. 779 u 780 tal-proċess.

**Marcus John Calleja**[113] xehed illi huwa ġie ssentenzjat dwar l-attentat ta' *hold up* li seħħ ġewwa Crystal Palace, Ħaż-Żabbar u li s-sentenza mogħtija fil-konfront tiegħu hija definittiva. Huwa għaraf lill-imputat Luke Vella in kwantu skontu huwa kien jixtri d-droga mingħandu. Fir-rigward ta' dak li seħħ dakinhar ta' l-attentat ta' *hold up* fl-imsemmi ħanut, Marcus John Calleja stqarr illi *jiena kont miftiehem ma' Luke Vella ftit qabel biex issir din il-biċċa xogħol. Fil-verità Luke Vella kien jaf biha din il-biċċa xogħol għax jiena lanqas biss naf fejn jiġi hemmhekk. … Dak kont niltaqa' ma' Luke f'dan il-garaxx u qalli li għandu din il-biċċa tax-xogħol u hekk tal-holdup. … u ddeċidejna li nagħmluh. Morna narawh il-ġurnata ta' qabel, sfratta ma setax isir fil-ġurnata ta' qabel għax jew kien hemm xi traffiku minħabba l-mużew u hekk u ma stajniex nagħmluh u għamilnieh l-għada.* Mistoqsi kemm qabel l-imputat Luke Vella kien qallu b'din il-*hold up*, Marcus John Calleja wieġeb *jumejn jew tliet ijiem qabel* u żied jgħid *l-ewwel darba morna rajnih biex isir u ma sarx ghax kien hemm it-traffiku u kien sar il-ħin u ma kienx vijabbli li jsir il-hold up u ftehmna għall-għada*. Mistoqsi min indikalu fejn kellu jsir il-*hold up*, Calleja wieġeb li kien l-imputat Luke Vella stess għax hu ma kienx jaf b'dan il-ħanut.

Mistoqsi jspjega x'ġara dakinhar tat-13 ta' Novembru 2018, Marcus John Calleja iddikjara *filgħodu mort ġurnata xogħol, wara mort il-garaxx ħadt il-coke, ċempilna lil xulxin għal darba, tnejn, tlieta, biex niltaqgħu biex immorru nagħmluh*. Wara x-xogħol huwa mar id-dar tiegħu f'Ħal-Balzan u *minn hemm ftehmna u ġie għalija, inzerta kien hemm xeba' traffic ġo Birkirkara u kelli noħroġ mid-dar sa' fejn il-Mc Donalds … ta' Birkirkara stess.* Hu spjega li bdew iċemplu lil xulxin minn fuq il-mobiles u mistoqsi b'liema vettura ġie għalih l-imputat Luke Vella, wieġeb li bi Smart bajdanija. Żied jgħid li *minn hemm morna Ħaż-Żabbar, kien għadu l-ħin u mar ġab l-affarijiet u l-arma. … L-arma ġabha minn x'imkien fejn il-knisja. … Wara l-hold up spiċċat għand il-Pulizija. … Konna morna naqra żgħira lil hemm mill-ħanut hemm sqaq ma jinfidx, ġab xi xalla u kien għadu l-ħin u morna ġo xi għalqa iktar 'il fuq, qgħadt inpejjep naqra coke jiena u kif sar il-ħin mort nagħmel il-hold up. … Lili wrieni minn fejn għandi ngħaddi u ħriġt bil-pass. … Għax jiena hemmhekk na nafux allura bilfors xi ħadd irid jurini. … Il-passaġġ minn fejn irrid ngħaddi u minn fejn niġi għall-ħanut biex hu ma jippikjanix minn quddiem il-ħanut, jippikjani iktar 'l isfel. … Il-karozza ġo l-għalqa ħalliha u jiena inżilt bil-pass mill-isqaq. … Mort qgħadt nistenna, wara ftit dħalt u ġara li ġara, sar il-hold up u ġie sfrattat hux u ma sar xejn iktar*. Żied jgħid li meta fil-ħanut qabżu fuqu biex iwaqqfuh, *iġġilidna u sparajt u hekk hux u ħadu xi tiri imbagħad sakemm ġew il-Pulizija u mmanettjawni*. Fir-rigward ta' l-arma ddikjara *setghet kienet ma taħdimx għax jiena għalija qas kont naf jekk taħdimx jew le, jiena għalija għandi arma issa jew biex immissha jew biex taħdem, il-bqija imma inzertat taħdem.*

Dwar l-arranġamenti ta' bejnu u l-imputat Luke Vella, Marcus John Calleja xehed illi *l-ftehim kien li jgħabbini mill-istess post, naqsmu flusna li jakkwista, inħallas id-dejn li jiena kelli miegħu għax kelli xeba' dejn fuq il-coke allura jiena bilfors ġejt li ridt nagħmel din il-biċċa xogħol għax ma stajtx ma nagħmilhiex għax ridt*

[113] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tad-19 ta' Ġunju 2020, fol. 640 sa' 650 tal-proċess.

*inħallas id-djun li kelli u kulħadd jitlaq għal rasu, jieħu l-arma tiegħu lura u l-maskra li kien tani għax ġabli maskra wkoll. … Mingħalija l-arma ġabha dik minn fejn il-knisja, minn fejn għedtlek minn wara l-knisja għax jiena Ħaż-Żabbar ma nafux sewwa. … L-ewwel mar iġib l-maskra u wara bqajna sejrin għax-xalla, rajna li kien għadu l-ħin għax kellu kollox ittajmjat, morna fl-għalqa u qgħadt inpejjep il-coke u kif sar il-ħin, ma kienx hemm ħafna ħin, imma kien hemm għax jiena kelli vizzju ikrah jiena u mort għamilt il-hold up.* Skontu id-deċiżjjonijiet kien jeħodhom l-imputat Luke Vella u fir-rigward stqarr *hu ttajmja l-ħin u hu ġab il-biċċa tax-xogħol mhux jiena, kellu l-pjan kollu hu. Is-serqa fassalha kollha hu mill-bidu sa' l-aħħar.* Mistoqsi qattx kien daħal fil-ħanut in kwistjoni qabel is-serqa, Calleja wieġeb *le qatt ma dħalt jiena, qas kont naf kif inhu l-ħanut ħa nkun onest miegħek għax ma kontx naf kif inhu l-ħanut, dħalt u ġara li ġara, il-bqija ma kontx naf lil min ħa insib u lanqas xejn.* Stqarr ukoll li dakinhar ta' l-attentat ta' serqa, fil-karozza ta' l-imputat Luke Vella kien hu u l-istess imputat biss u ħadd iktar.

In kontro-eżami[114] Marcus John Calleja essenzjalment ikkonferma li huwa kien involut fl-attentat ta' *hold up* fuq Crystal Palace Confectionery ġewwa Ħaż-Żabbar u li ma kienx jaf fejn hija din il-Confectionery u min kien is-sid tagħha. Stqarr ukoll li huwa ma kienx jaf li l-imputat Luke Vella kien joqgħod Ħaż-Żabbar. Ikkonferma ukoll li d-dettalji dwar is-serqa tahomlu l-imputat Luke Vella, li marru fuq il-post ġurnata qabel iżda ma setgħux iwettquha u reġgħu marru l-għada. Stqarr ukoll li ma kienx jaf fejn hi l-Confectionery u ma kienx jaf min hu sid il-ħanut iżda fil-ħin li beda jitqagħbad man-nies li kkonfrontawh fil-ħanut, għaraf lil wieħed minnhom. Fir-rigward ta' l-arma qal li din kienet arma silver żgħira .22 iżda qal ukoll li qatt qabel dakinhar ma kien uża arma. Il-pjan li kien hemm bejnu u l-imputat Luke Vella kien li jisraq il-flus li kien hemm fil-ħanut għaliex *Luke qalli li jkollu balla sigaretti, dakinhar kellu l-bejgħ tagħhom, ikollu ħafna sigaretti w anke tal-kutrabandu u dakinhar idaħħal numru kbir tagħhom. Dakinhar kienet l-iktar ġurnata tajba, proprja l-ġurnata ta' qabel imma dik il-ġurnata qalli jkun hemm bejn 16,000.* Tenna li dakinhar ta' l-akkadut il-mobile tiegħu - li n-numru ma kienx jafu għaliex kien numru milli tixtri - baqa' fil-vettura ta' l-imputat Luke Vella u ma jafx Vella x'għamel bih.

L-**imputat Luke Vella**[115] xehed li huwa minn dejjem kien għex Ħaż-Żabbar, għamel żmien jgħix ma' nantu, imbagħad ma' ommu u anke għal xi żmien għand oħtu. Ommu w oħtu entrambe joqgħod fl-istess żona tal-knisja ta' Ħaż-Żabbar. Xehed ukoll li akkwista kantina maġenb il-Knisja eżatt u li kien qed jagħmel xi xogħlijiet fiha, fejn anke kien qabbad lill-imputat Marlon Baldacchino biex jaħdimlu fiha. Qal li lil Marcus John Calleja jafu għaliex kienu jixtru d-droga minn ġo l-istess garage f'Birkirkara, iddikjara li *bdejt nitkellem darba minnhom ma' Marcus, qalli li hu welder u qalli li wweldja l-ħadid kollu hu* (tal-garage imsemmi) *u jiena kont għedtlu li qed naħdem ġo kantina tal-mummy tieghi Ħaż-Żabbar u kont għedtlu biex jiġi jiwweldjali t-twieqi u jagħmilli l-bieb ta' l-aluminium għaliex il-kantina qiegħda taħt l-art f'ħafna umdità, il-ħajt niksu u jera' jaqa' jiġifieri jekk konna se*

[114] Seduta ta' l-24 ta' Mejju 2022, fol. 797 sa' 804 tal-proċess.

[115] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tad-29 ta' Settembru 2022, fol. 842 sa' 863 tal-proċess.

*magħmluhom ta' l-injam eċċ, ma konniex se ndumu ħafna b'dawn l-affarijiet.* L-imputat stqarr ukoll li meta ġie arrestat mill-Pulizija u għaddej għaċ-ċella fejn kien se jinżamm għadda minn ħdejn Marcus John Calleja li viċin ta' wiċċu qallu *ara ma titkellem xejn* u skond l-istess imputat kien għalhekk li waqt l-ewwel stqarrija tiegħu lill-Pulizija beda jirrispondi kif irrisponda.

Fir-rigward tat-12 u t-13 ta' Novembru 2018, l-imputat Luke Vella stqarr *ġurnata qabel ġara l-każ, lil Marcus kont għedtlu biex jiġi jiwweldjali t-twieqi kif qed ngħidlek u l-bieb ta' barra u Marcus kien qalli li se jiġi, qalli "Niġi nara ħa ngħidlek x'għandi bżonn u ngħidlek il-prezz". Jiena ftehmt miegħu u qalli "Għada nagħmel xogħol ta' l-4:00p.m." jekk mhux sejjer żball, jew sat-3:00p.m. jew sa' l-4:00p.m., qalli biex inċempillu wara x-xogħol u ninżlu, qalli "Ngħidlek eżatt xi trid tixtri u l-għada mmorru u nġib il-welding" u jagħmilli l-affarijiet. … Imbagħad jiena bdejt inċempillu dakinhar, cempiltlu xi 4 darbiet u beda jgħidli biex nitla' Ħal-Balzan u jiena bdejt ngħidlu li Ħal Balzan ma nafx fejn hu għaliex jiena qatt ma kont mort 'l hemm u baqa' jipprova jfehmni u għidtlu li jiena sa' Birkirkara naf għax beda jgħidli fejn il-McDonald's u għidtlu jekk trid ejja hemmhekk. Minn hemm u minn hawn, tgħidlix kif, ġie b'vann, kellu vann għandi jkun, jekk mhux sejjer żball griż kien jew silver u minn hemm tela' fil-karozza miegħi, inżilna Ħaż-Żabbar u kien hemm il-mummy tieghi kienet qed tistenna fejn il-kantina għax kienet bla bieb u dawn l-affarijiet, bla bibien u xejn, kienet qiegħda u kif inżilna Ħaż-Żabbar, dawn kienu għall-ħabta tal-5:00p.m. jew is-6:00p.m., qabel inżilna hemm mort kellimt xi ħabiba tiegħi jien u ċempilt mill-mobile tiegħu ukoll għax jiena bdejt inċempel ħafna lil Marcus u spiċċatli l-card dak il-ħin, imbagħad ċempilt mill-mobile tiegħu lil din it-tfajla li qed ngħidlek li kienet il-ħabiba ta' omm it-tfal tiegħi u f'dan il-ħin jiġifieri, peress li dak iż-żmien għidtlek li kont qed nieħu xi droga, waqafna u ħadna xi żewġ nifsi u kelli żewġ linji ħadthom u wara nżilna Ħaż-Żabbar. … kif inżilna Ħaż-Żabbar, hu kellu baskett f'idejh jiġifieri ġie bih mill-ewwel malli rajtu fil-karozza, inżilna Ħaż-Żabbar u kif lestejna u qalli biex nixtri l-affarijiet li kelli bżonn u qalli l-prezz, għedtlu "immorru bil-kwiet mela?" peress li ridt nerġa' ntellgħu Birkirkara u qalli "Ġejjin xi nies għalija u se nitlaq magħhom u m'għandix għalfejn noqgħod intellgħek hemm". Għadda mill-isqaq ta' wara l-knisja u ma niftakar xejn iktar imbagħad għax jiena ma kontx miegħu. Jiena tlaqt għal rasi u hu telaq għal rasu. Imbagħad jumejn wara jew l-għada, ma nafx kemm qed tgħid, arrestaw lili u lil Marlon għax Marlon kien miegħi. Kif qed ngħidlek, Marlon kien jaħdem ħafna xogħlijiet miegħi, jgħini fid-dawl u fl-ilma, jekk inqabbdu jiksili l-ħitan jgħini, jekk inqabbdu jkissirli l-madum ikissru jiġifieri fuq dawn ix-xogħlijiet biss. Kont inċempillu ġranet sħaħ jiġifieri.*

L-imputat stqarr li dawn l-affarijiet ma qalhomx fl-istqarrija tiegħu għaliex *Marcus lili kif rani mill-ewwel ġoċ-ċella faċċata ta' xulxin qalli "Ara ma titkellem xejn" u ħallieni b'hekk u għamilli hekk. Jiena tefgħuni ġoċ-ċella, imbagħad tellgħuni u lill-Ispettur jiena bdejt insemmilu kull darba "Jiena għandi t-tfal u ma rridx indaħħalhom fit-trouble" u bqajt insemmilu l-istess affarijiet.* L-imputat stqarr ukoll li meta darba kien qiegħed il-ħabs fuq każ differenti, *Marcus ġie jkellimni, beda jgħidli li lili mhux se jdaħħalni f'inkwiet u li lili m'għamilli xejn u qalli "Jiena lil dak ir-raġel dħaltlu għaliex żmien ilu kont begħhejt xi deheb lil missieru u kien*

*kixifni mal-Pulizija" u hekk bqajna b'dik l-istorja. Issa hu hawnhekk quddiem il-Maġistrat kien qal li lil tal-ħanut ma kienx jafu u baqa' jgħid sa' l-aħħar. Imbagħad fil-fatt tela' jixhed u qalilhom li kien serqu xi deheb u daħħlu fl-inkwiet lil missieru.* Fir-rigward jekk qattx kellu armi, l-imputat iddikjara *le, jiena qatt ma kelli armi. Jiena darba kienu tawni xebgħa tal-Bona, rabtuni u għamilt fuq sagħtejn marbut ġo garaxx, kif telquni u qabduhom il-Pulizija u hekk, bqajt bid-depression, kont żammejt arma għax bqajt nibża' li kienu se jerġgħu jiġu għalija, imbagħad darba kelli problema u kien ġie l-Pulizija Kevin Pulis u kien sabieli l-arma.* Fir-rigward ta' sid il-ħanut Crystal Palace, l-imputat qal li hu kien u baqa' jixtri mingħandu u qatt ma kellu u ma għandu l-ebda problema miegħu. Qal ukoll li mill-post fejn waqqaf lil Marcus John Calleja, jiġifieri ħdejn il-kantina tiegħu, sal-ħanut Crystal Palace hemm madwar għaxar minuti bil-mixi.

Mistoqsi dwar id-droga l-imputat xehed illi *kienet għadha kif telqitni omm it-tfal, kelli żewġt itfal minnha, marritli ma' ħabib tiegħi waqt li jiena kont qiegħed il-ħabs, ħriġt minn hemm, bdejt nara l-affarijiet kif inhuma u spiċċajt li jiena bdejt nieħu dawn l-affarijiet*. Fir-rigward tal-liċenzja tas-sewqan qal li ma jafx jekk kellux liċenzja tas-sewqan valida jew le. Stqarr ukoll li dakinhar huwa kienu uża, ossia saq, Smart sewda ta' oħtu.

In kontro-eżami l-imputat tenna li lil Marcus John Calleja kien ftiehem miegħu li jċempillu, u fil-fatt ċempillu, wara x-xogħol. Mistoqsi jekk kienx ċempillu wkoll filgħodu l-imputat qal *mela ċempiltlu filgħodu jien jekk qed tgħidli li ċempitlu għax jiena lanqas naf x'kilt ilbieraħ aħseb u ara iż-żmien li kont għaddej minn dik it-triq*. Mistoqsi dwar it-telefonata li saret minnu mill-mobile ta' Marcus John Calleja, l-imputat wieġeb *la inti qed tgħid li sibt it-telefonati tiegħi mill-mobile tiegħu, Marcus lili, fl-ebda ħin ma tani l-mobile biex jiena nċempel u Marcus ma jkunx mieghi. Mela jekk ċempilt lil din il-mara bin-numru ta' Marcus, Marcus kien qiegħed miegħi imma jiena ma niftakarx li kien qiegħed miegħi. Jiena qed ngħidlek li jien naf li mort Birkirkara għal Marcus u jiena mort inkellem lil din il-mara fuq omm it-tfal tiegħi, biex naraw x'irrid nixtri affarijiet jiena u jgħidli l-prezz. Marcus imbagħad kellu baskett f'idejh, hu telaq għal rasu u jiena tlaqt għal rasi*. Mistoqsi kemm dam jara l-post tiegħu flimkien ma' Calleja, l-imputat wieġeb *kemm ħa ddum tara post? Xi nofs siegħa forsi, mhux ħa ddum iktar minn hekk żgur u kif qed ngħidlek, konna qegħdin hemm, bdjena nitkellmu, beda jgħidli x'ħadid irid jixtri u inti biex tmur ġo post u biex tiġi tarma hawn, mhux se tiġi u tgħidli l-affarijiet kollha li hawn f'sekonda*. Mistoqsi għalfejn għadda minn quddiem il-ħanut Crystal Palace u mhux minn triq oħra fejn hemm il-main road, l-imputat wieġeb *ir-raġuni hi li inti u ġej mill-Fgura, kif qed tgħid inti, bilfors trid tgħaddi minn quddiem il-ħanut jekk qed tgħid li jien għaddejt minn quddiem il-ħanut. … Issa jekk inti ġej mit-Triq ta' Wied il-Għajn, biex tmur għall-knisja, ħa tgħaddi mit-triq il-ġdida ta' Ħaż-Żabbar, it-triq tal-knisja. Issa inti qed tgħidli li t-telefonata tiegħi kienet qiegħda l-Fgura, mela kif qed ngħidlek jien, biex tiġi mill-Fgura, trid tgħaddi bilfors minn quddiem il-ħanut*. Mistoqsi minn fejn kien ġej, l-imputat wieġeb *inti qed tgħidli l-Fgura. … Jiena naħlef bil-ġurament illi jekk jiena kont ġej mill-Fgura, trid tgħaddi bilfors minn hemm u jekk kont ġej minn Ħaż-Żabbar trid tgħaddi minn triq oħra*. Mistoqsi dwar it-telefonati lil Marlon Baldacchino, l-imputat sempliċement u ripetutament wieġeb li Marlon Baldacchino

jadħem miegħu u li kien ikellmu fuq xogħol biss. Mistoqsi lejn fejn telqu hu u Marcus John Calleja wara li spiċċaw jaraw dak li skontu niżlu jaraw Ħaż-Żabbar, l-imputat wieġeb *jiena tlaqt lejn l-isqaq lejn in-naħa t'oħti u hu telaq in-naħa l-oħra. … Qed ngħidlek, jiena tlaqt it-triq t'oħti għax kelli l-karozza pparkjata n-naħa l-oħra u hu telaq it-triq l-oħra, lejn in-naħa taċ-Chick King biex niftehmu.* Fir-rigward tal-mobile ta' Calleja, l-imputat stqarr *jiena ma kellix il-mobile ta' Marcus. … Jista' jkun li nesieh mela kif qed tgħid int imma jiena ma rajtx mobiles. Il-karozza ma kinitx tiegħi u l-iktar l-iktar forsi kienet għand oħti, rat li mhux tagħha u ramietu, jekk qed tgħid li hekk imma jiena ma sibtx mobiles ta' Marcus.*

**Imputazzjoni dedotti fil-konfront ta' l-imputati Luke Vella u Marlon Baldacchino <u>flimkien</u>:**

L-imputati Luke Vella u Marlon Baldacchino flimkien qed jiġu mixlija talli: (1) Fit-13 ta' Novembru 2018 u fil-ġranet ta' qabel ġewwa Malta u f'dawn il-Gżejjer, assoċjaw ruħhom flimkien ma' persuna oħra bil-għan li jagħmlu delitt/i f'Malta li għalihom hemm il-piena ta' priġunerija, u li ma kienx delitt taħt l-Att dwar l-Istampa; (2) U aktar talli nhar it-13 ta' Novembru 2018, għall-ħabta tat-20:10hrs, minn ġewwa l-istabiliment bl-isem ta' Crystal Palace, li jinsab fi Triq il-Kbira, Żabbar, irrendew ruħhom kompliċi fid-delitt ta' attentat ta' serq ikkwalifikat bil-vjolenza, bil-mezz, bil-valur li jeċċedi €2,329.37, u bil-ħin, għad-dannu ta' Joseph Attard u/jew persuna/i oħra.

Fin-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju datata 20 ta' Awwissu 2021[116], l-Avukat Ġenerali bagħat liż-żewġ imputati sabiex jiġu ġġudikati minn din il-Qorti għall-ħtija jew ħtijiet maħsuba, fl-Artikoli 48A(1)(2)(3)(4) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta u fl-Artikoli 41(1)(a), 42, 43, 44, 45, 46, 261(a)(b)(ċ)(f), 262(1)(b), 263(b), 267, 270, 275, 276A u 277 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Mill-provi prodotti ftit li xejn għandu jkun hemm dubju li nhar it-13 ta' Novembru 2018 għall-ħabta tat-8:10p.m., seħħ attentat ta' *hold up* ġewwa l-ħanut Crystal Palace, Triq il-Kbira, Żabbar. Dan jirriżulta ferm ċar mhux biss mix-xhieda tad-diversi uffiċjali tal-Pulizija nvoluti fl-investigazzjoni dwar dan l-istess reat, mir-Relazzjonijiet tad-diversi Esperti nominati fl-Inkjesta Maġisterjali relattiva u mix-xhieda ta' Joseph Attard, sid il-ħanut, u sħabu li kienu miegħu dakinhar u li waqqfu lill-malvivment, iżda jirriżulta wkoll mix-xhieda ta' Marcus John Calleja li kien il-persuna li wettaq dan l-attentat ta' *hold up*, twaqqaf u nqabad in flagrante u li in segwitu instab ħati ta' l-istess u ġie debitament sentenzjat.

Mill-provi prodotti f'dawn il-proċeduri jirriżulta lil hinn minn kull dubju raġonevoli ukoll li Marcus John Calleja daħal ġewwa l-ħanut Crystal Palace biex iwettaq il-*hold up* fit-13 ta' Novembru 2018 għall-ħabta tat-8:00p.m., jiġifieri wara nżul ix-xemx, u kien armat u mgħammad. Fiċ-ċirkostanzi għalhekk u <u>skond il-provi prodotti f'dawn il-proċeduri</u>, jissussisti r-reat ta' attentat ta' serq ikkwalifikat bil-vjolenza, bil-mezz u bil-ħin. Il-Prosekuzzjoni tindika ukoll il-kwalfika tal-valur li jeċċedi €2,329.37 iżda fil-<u>proċeduri odjerni</u> ma tressqet assolutament l-ebda prova li turi u tanto

[116] Fol. 763 u 764 tal-proċess.

meno tipprova lil hinn minn kull dubju raġonevoli, li kemm-il darba kellha sseħħ is-serqa in kwistjoni kien jinsteraq jew seta' jinsteraq tali valur. **Fil-fehma tal-Qorti għalhekk dak li għandha quddiemha f'dawn il-proceduri huwa attentat ta' serq ikkwalifikat bil-vjolenza, bil-mezz u bil-ħin**.

L-imputati odjerni però ma humiex qed jiġu mixlija bit-twettiq effettiv ta' tali reat iżda qed jiġu mixlija, bit-**tieni imputazzjoni** dedotta fil-konfront tagħhom flimkien, bir-reat ta' kompliċità fit-twettiq ta' tali reat ta' attentat ta' serq bil-kwalifiki imsemmija.

Huwa prinċipju assodat fis-sistema ġuridika nostrali li *l-kompliċi huwa dak li għalkemm ma jippartecipax materjalment fis-serqa, jagħmel xi ħaġa, bi ftehim magħhom, jiġifieri jkun hemm ftehim minn qabel magħhom, biex jgħinhom jew fil-preparazzjoni tas-serqa jew fit-twettiq tas-serqa, .... L-importanti huwa naturalment li jkun hemm ftehim minn qabel. Illi dwar il-prova neċessarja biex tirriżulta imputazzjoni ta' kompliċità f'reat imwettaq minn persuna oħra huwa stabbilit fil-ġurisprudenza li jrid jirriżulta sodisfaċentement pruvat mill-Prosekuzzjoni ... li l-imputat (i) kien jaf li l-awtur kien ser iwettaq id-delitt u (ii) li hu deliberatament għenu biex hekk iwettaq id-delitt billi għamel xi ħaġa li tinkwadra f'wieħed mill-paragrafi (a) sa' (e) ta' l-Artikolu 42 tal-Kodiċi Kriminali. Is-sempliċi fatt li l-imputat mar ma' l-awtur, u anke kien fuq il-post waqt li dan wettaq id-delitt in kwistjoni, ma jfissirx neċessarjament li hu kien jaf x'kellu moħħu. ... Huwa veru li l-presenza ta' persuna fuq il-post tad-delitt u waqt li jkun qed jiġi kommess id-delitt tista' tammonta għall-kompliċità f'dak id-delitt kemm-il darba jkun jirriżulta li bejn dik il-persuna u l-awtur tad-delitt kien hemm il-ħsieb komuni li jsir dak id-delitt, u li l-presenza ta' dik il-persuna effettivament assistiet lill-awtur, anke jekk biss moralment, biex iwettaq dak id-delitt*[117].

Dejjem in tema ta' kompliċità l-Professur Sir Anthony Mamo jgħallem illi *a man may be held responsible for an offence, even though he may not have done the act which constitutes that offence, if he had done some other act which has helped towards the commission of the offence and had done the act in pursuance of a common design to commit that offence*[118].

Meta dawn il-prinċipji ġuridiċi jiġu applikati għall-provi prodotti f'dawn il-proċeduri, il-Qorti hija tal-fehma li l-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova lil hinn minn kull dubju raġonevoli li entrambe l-imputati huma fil-fatt ħatja tar-reat ta' kompliċità fid-delitt ta' attentat ta' serq ikkwalifikat bil-vjolenza, bil-mezz u bil-ħin minn mill-ħanut Crystal Palace fi Triq il-Kbira, Żabbar, għad-dannu ta' Joseph Attard.

---

[117] Il-Pulizija v. Lorita Pace, deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fit-30 ta' Ġunju 2014 (varjata mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali b'sentenza pronunċjata fis-27 ta' Frar 2017 - id-deċiżjoni ta' l-ewwel Qorti dwar l-imputazzjoni ta' kompliċità ġiet ikkonfermata fl-appell), fejn ġew ċitati s-segwenti sentenzi: Il-Pulizija v. Shirley Chircop, deċiża mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-6 ta' Ġunju 2002, Ir-Repubblika ta' Malta v. Martin Dimech, deċiża mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-24 ta' Settembru 2004 u Il-Pulizija v. Carmelo Agius, deċiża mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-24 ta' Frar 2002.

[118] Notes on Criminal Law Vol I pagna 124.

Mix-xhieda ta' Marcus John Calleja jirriżulta li kien l-imputat Luke Vella li ħareġ bl-ideja li jitwettaq *hold up* fuq Crystal Palace Confectionery, kien l-istess Luke Vella li avviċinah u qallu biex iwettquha flimkien. Il-fehim ta' bejniethom kien li l-imputat Luke Vella jwasslu Ħaż-Żabbar sabiex jitwettaq il-*hold up*, jipprovdih b'arma u maskra, u l-istess Vella kellu jibqa' jistennieħ biex wara l-*hold up* jitilqu minn fuq il-post flimkien u jispartixxu l-flus misruqa. Bħala fatt l-imputat Luke Vella wassal lil Marcus John Calleja Ħaż-Żabbar dakinhar tal-*hold up*, ossia fit-13 ta' Novembru 2018, minn fond fl-istess akkwati ġablu arma u maskra. Mill-provi jirriżulta li l-imputat Luke Vella baqa' fil-viċinanzi jistenna lil Marcus John Calleja sakemm meta ra, jew aħjar ġie nfurmat, li l-*hold up* ma twettaqx, telaq minn fuq il-post.

L-imputat Luke Vella ttenta jiskredita lil u jikkuntrasta dak affermat minn Marcus John Calleja billi jikkontendi li huwa sar jaf lil Calleja f'ċerta ċrieki li entrambe kienu jiffrekwentaw u li kien talbu jagħmillu xogħol ta' welding ġo kantina ġewwa Ħaż-Żabbar, skontu sitwata wara l-Knisja. Bħala fatt jikkonferma li kien wassal lil Calleja Ħaż-Żabbar dakinhar tat-13 ta' Novembru 2018, iżda jgħid li miegħu mar biex jara x-xogħol meħtieġ ġewwa din il-kantina u kategorikament jiċħad kwalunkwe involviment fl-attentat ta' *hold up* fuq il-ħanut Crystal Palace.

Dak affermat mill-imputat Luke Vella però ma huwiex affattu kredibbli in kwantu provi oħra prodotti mill-Prosekuzzjoni, u b'mod partikolari l-*call profiles* u *localisation* tan-numru tal-mobile ta' Marcus John Calleja u tan-numri tal-mobile ta' l-imputat Luke Vella, jiskreditaw u jxejnu dak minnu affermat u invece jikkoroboraw dak mistqarr mill-imsemmi Marcus John Calleja.

Jibda biex jingħad li l-imputat Luke Vella qal illi huwa kien ftiehem ma' Marcus John Calleja li jċempillu wara x-xogħol, ossia wara t-3:00p.m. jew l-4:00p.m., sabiex jiftehmu biex jinżlu Ħaż-Żabbar, iżda mill-*call profiles* tan-numri tagħhom jirriżulta li bejn it-12 ta' Novembru 2018 u t-13 ta' Novembru 2018 kien hemm diversi kuntatti bejn in-numru tal-mobile ta' Marcus John Calleja - 77064646 - u n-numri tal-mobile ta' l-imputat Luke Vella 77395858 u 77395861.

Fit-12 ta' Novembru 2018 l-imputat Luke Vella ċempel lil Marcus John Calleja f'12:35:57, f'12:36:51, f'18:04:24 u f'22:20:54 u Calleja ċempel lill-imputat Vella f'17:44:43, f'17:49:13 u f'17:59:50 **u** fit-13 ta' Novembru 2018 l-imputat Luke Vella ċempel lil Marcus John Calleja f'10:56:45, f'17:58:17 u f'18:06:57, filwaqt li Calleja ċempel lill-imputat Vella f'17:47:03 u 18:02:52. Dawn it-telefonati kollha assolutament ma jirrispekkjawx in-narrattiva li qed jipprova joħloq l-imputat Luke Vella iżda jagħtu sostenn lill-verżjoni ta' Calleja, ossia li kien hemm pjanijiet u ftehim għaddejjin bejniethom dwar dak li kien ippjanat għat-13 ta' Novembru 2018.

Għalkemm l-imputat Luke Vella sostna li meta wassal lil Marcus John Calleja biex allegatament jurih x'xogħol kellu jsir fil-kantina, kien hemm ommu qed tistennihom, għal raġuni nspjegabbli ommu ma tressqux bħala xhud minnu biex tikkorobora u ssostni dak minnu affermat. Fattur ieħor li jimpinġi serjament fuq il-kredibilità ta' l-imputat iżda jagħti sostenn lill-verżjoni tal-fatti kif dikjarata minn Marcus John Calleja, hija l-asserzjoni ta' l-imputat li wara li allegatament kien wera lil Calleja x'xogħol kellu bżonn isir, *hu telaq għal rasu u jiena tlaqt għal rasi. ...*

*jiena tlaqt lejn l-isqaq lejn in-naħa t'oħti u hu telaq in-naħa l-oħra. … Qed ngħidlek, jiena tlaqt it-triq t'oħti għax kelli l-karozza pparkjata n-naħa l-oħra u hu telaq it-triq l-oħra, lejn in-naħa taċ-Chick King biex niftehmu*, liema asserzjoni hija għal kollox imxejna mit-timeline esebit mill-Ispettur Fabian Fleri Dok. "FF3" a fol. 39 tal-proċess u mill-*call profiles* u *localisation* tan-numri tal-mobile ta' l-imputat Vella, ossia tan-numri 77395858 u 77395861.

Mit-timelime esebit mill-Prosekuzzjoni jirriżulta li Marcus John Calleja ħareġ minn Sqaq il-Kittien, Żabbar, dieħel għal ġo Triq il-Kbira, Żabbar, ossia t-triq fejn hemm il-ħanut Crystal Palace, fis-**7:39:08p.m.** u jidħol fl-imsemmija Confectionery fis-**7:45:04p.m.** Il-kommossjoni ġewwa l-ħanut tibda fis-**7:45:29p.m.** u l-karozza tal-Pulizija bl-Uffiċjali ta' l-RIU tidher għaddej sejra lejn il-ħanut in kwistjoni f'**7:51:17p.m**. Mill-*localisation* tan-numri tal-mobile ta' l-imputat Luke Vella jirriżulta li bejn **7:40:43p.m.** u **7:48:55p.m.**, il-mobile tiegħu - 77395858 - kien qed jaqbad l-antenna Żabbar ESL li, kif jirriżulta mir-Relazzjonijiet ta' l-Esperti Tekniċi l-Perit Richard Aquilina u Keith Cutajar, hija l-antenna fl-akkwata tal-Crystal Palace, u f'**7:53:15p.m.**, **7:55:27:p.m.**, f'**7:56:46p.m.**, f'**7:58:00p.m.** u f'**8:02:14p.m.**, il-mobile l-ieħor ta' l-imputat Luke Vella - 77395861 - kien f'kuntatt kontinwu ma' l-imputat Marlon Baldacchino u kien qed jaqbad ma' l-istess imsemmija antenna Zabbar ESL.

Jirriżulta għalhekk li għal ben tnejn u għoxrin minuta, matul liema l-pjan għall-*hold up* fuq il-ħanut Crystal Palace ġie attwat u beda jiġi esegwit minn Marcus John Calleja iżda dan ma rnexxiex sakemm finalment waslu l-Pulizija fuq il-post, l-imputat kien qiegħed fl-istess akkwata tal-ħanut u allura altru milli telaq għal rasu u mar lejn id-dar ta' oħtu. Għal kull buon fini jiġi osservat ukoll li oħt l-imputat għandha l-indirizz 46, Misraħ is-Sliem, Żabbar, u mir-Relazzjoni ta' l-Esperti Tekniċi l-Perit Richard Aquilina u Keith Cutajar, jidher li din taqa' taħt l-antenna Żabbar_Bajada, antenna li dak il-ħin tal-*hold up* ma jidhirx li qabdet il-mobiles ta' l-imputat Luke Vella.

Fil-fehma tal-Qorti għalhekk il-*call profiles* u l-*localisation* tan-numri tal-mobile ta' l-imputat Luke Vella juru, kunrarjament għal dak minnu allegat, li huwa kien fi ftehim minn xi ġranet qabel ma' Marcus John Calleja biex jitwettaq *hold up* fil-Crystal Palace, Triq il-Kbira, Żabbar, li wassal lil Marcus John Calleja fuq il-post u li baqa' jistennieh hemm sakemm fl-aħħar, infurmat li l-*hold up* ma seħħx, telaq minn fuq il-post. Fil-fehma tal-Qorti wkoll huwa ferm kredibbli dak affermat minn Marcus John Calleja li dan il-*hold up* kien effettivament idea ta' l-imputat Luke Vella u dana billi, kuntrarjament għal Calleja, l-imputat Vella kien mitħla sew tal-ħanut in kwistjoni u kien familjari man-negozju. Għalkemm huwa veru li Joseph Attard għaraf lil Marcus John Calleja, huwa stess stqarr li Calleja qatt, qabel dakinhar tal-hold up ma resaq 'l hemm, u għarfu biss meta waqt it-taqbida neħħielu l-maskra minn wiċċu.

Apparte dan kollu appena osservat, ta' min jinnota wkoll li għad illi fl-eżami l-imputat Luke Vella deher li ftakar dettal apprezzabbli ta' dak li skontu ġara fit-13 ta' Novembru 2018, in kontro-eżami, ippressat mill-Prosekuzzjoni u kkonfrontat bil-*call profiles* u l-*localisation* tan-numri tiegħu, *data* din li diffiċilment tista' tiġi

imgiddba, huwa beda jkun ferm evażiv fir-risposti tiegħu u ma jagħtix tweġibiet ċari. Dana kollu jkompli jimpinġi fuq il-kredibilità tiegħu.

In kwantu rigwarda l-imputat l-ieħor Marlon Baldacchino, persuna ta' spiss fil-kumpanija ta' l-imputat Luke Vella, il-Qorti hija tal-fehma li mill-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni jirriżulta lil hinn minn kull dubju raġonevoli li huwa kien effettivament qed jaġixxi ta' *look out* waqt dan il-*hold up* fuq il-Crystal Palace ġewwa Ħaż-Żabbar. Apparte l-fatt li l-Uffiċjali nvestigattivi għarfu lill-imputat Baldacchino minn fuq CCTV footage minnhom eżaminat bħala: (i) il-persuna li kien fix-xifer ta' Sqaq il-Kittien fi Triq il-Kbira wara li Marcus John Calleja ħareġ mill-imsemmi sqaq u beda nieżel lejn il-Crystal Palace, (ii) il-persuna li nizel lejn in-naħa tal-ħanut in kwistjoni flimkien akkumpanjat minn Dejan Caruana fil-ħin li nqalghet il-kommossjoni ġewwa l-ħanut, u (iii) il-persuna li kien qed jidher jagħmel użu assidwu mill-mobile tiegħu tul dan il-ħin kollu, liema kuntatt mill-*call profiles* tan-numru tal-mobile tiegħu jirriżulta li kien qed isir mal-mobile ta' l-imputat Luke Vella bin-numru 77395861.

Matul il-jum tat-12 ta' Novembru 2018 u dakinhar tat-13 ta' Novembru 2018 kien hemm ħafna telefonati bejn in-numri ta' l-imputat Marlon Baldacchino u l-imputat Luke Vella. B'mod partikolari fit-13 ta' Novembru 2018, fis-5:49:32p.m., fis-6:24:20p.m. u fis-6:32:05p.m., l-imputat Marlon Baldacchino rċieva telefonati mingħand l-imputat Luke Vella. Dak il-ħin il-mobile tiegħu kien qed jaqbad ma' l-antenna Zabbar_Bajada_A, li skond ir-Relazzjonijiet ta' l-Esperti Tekniċi l-Perit Richard Aquilina u Keith Cutajar hija l-antenna li taħt taqa' l-area tal-fond Nru.16, Triq San Ġużepp, Żabbar, li huwa l-indirizz residenzjali ta' l-imputat Baldacchino. Fis-7:53:42p.m., f'7:55:54p.m., f'7:57:13p.m, f'7:58:28p.m. u f'8:02:41p.m. - ossia fil-ħin li Marcus John Calleja kien ġewwa l-Crystal Palace u nqalgħet kommossjoni sħiħa u ġew il-Pulizija - l-imputat Marlon Baldacchino irċieva diversi telefonati mingħand l-imputat Luke Vella, senjatament minn fuq in-numru 77395861. F'dan il-ħin il-mobile ta' l-imputat Marlon Baldacchino kien qed jaqbad ma' l-antenna ESL_2_A u ESL_2_B, li mir-Relazzjonijiet ta' l-Esperti Tekniċi l-Perit Richard Aquilina u Keith Cutajar jirriżulta li hija l-antenna li fl-area tagħha jinsab il-ħanut in kwistjoni.

Kwindi f'dawk il-ħinijiet l-imputat Marlon Baldacchino mhux biss kien preżenti fl-akkwati fejn kien qed iseħħ it-tentattiv ta' hold up, talli kien f'kuntatt, kif ingħad assidwu, ma' l-imputat Luke Vella illi kif già iktar 'l fuq osservat instab li kien kompliċi f'dan l-attentat ta' *hold up* da parte ta' Marcus John Calleja. Għal kull buon fini u apparte minn hekk jiġi osservat ukoll illi wara li waslu l-Pulizija fuq il-post, kemm il-mobiles ta' l-imputat Luke Vella kif ukoll il-mobile ta' l-imputat Marlon Baldacchino dehru qed jaqbu ma' antennae s-Siġġiewi, li juri li għal xi ħin wara l-akkadut kienu flimkien.

Il-Qorti hawn tagħmel referenza għal dak osservat mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Republic of Malta v. Steven John Lewis Marsden**, deċiża fit-2 ta' Novembru 2009, fejn saret ampja referenza għall-prinċipju tal-*common design* li jemerġu mid-dottrina Ingliża in materja: ….. *as Timothy Jones and Michael Christie point out in the second edition of Criminal Law: "Proof of the*

*agreement essential to a criminal conspiracy will generally be inferential. Sometimes overt acts will have been committed by some or all of the accused, but this will not always be the case. But even if there have been some such overt acts, the existence of mens rea, in the form of an agreement and commitment to the criminal purpose of the conspiracy, will have to be proved by inference. For example, if a group of men is apprehended wearing masks and carrying weapons while sitting in a car outside a bank, there is a clear inference to be drawn that there is an agreement to rob the bank. The group is unlikely to be there for any other purpose. Lord Justice-Clerk Grant pointed out to the jury in H.M. Advocate v. Wilson, Latta and Rooney (1968): You won't often get eye-witnesses of the agreement being made or eavesdroppers who actually hear it being made. Accordingly, in many cases it is a question of judging from the acts of the alleged conspirators whether in fact there was a conspiracy between them in pursuance of which they are acting.*

Dwar il-provi indizzjarji huwa ormai assodat fis-sistema ġuridika nostrlai li *sabiex il-prova indizzjarja twassal għas-sejbien ta' ħtija, trid tkun ċara u univoka fis-sens li twassal neċessarjament, u f'kuntest ta' dak li hu raġonevoli, għall-ħtija ta' l-imputat. Fi kliem ieħor, l-elementi ta' provi kostitwenti l-prova indizzjarja jridu jkunu bażati fuq cirkostanzi provati li, interpretati b'mod raġonevoli, ma jistgħux iwasslu għal konklużjoni oħra għajr dik tas-sejbien ta' ħtija. Multo magis meta din tkun l-unika prova li fuqha l-Prosekuzzjoni qeda isserraħ il-każ tagħha. F'każ li l-elementi ta' prova jistgħu raġjonevolment jwasslu għal konklużjoni li ma tkunx is-sejbien ta' ħtija, allura għandha tapplika l-massima 'in dubbio pro reo' u cioè li dan id-dubbju raġjonevoli għandu jmur favur l-imputat*[119].

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Dylan Agius**, deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fit-8 ta' Lulju 2016, ingħad illi *l-ġurist Ingliż Pollock jiddeskrivi l-prova ċirkostanzjali u t-tifsira ta' l-univoċità tagħha bis-segwenti mod: It has been said that circumstantial evidence is to be considered as a chain, and each piece of evidence as a link in the chain, but that is not so, for then, if any one link broke, the chain would fall. It is more like the case of a rope comprised of several cords. One strand of cord might be insufficient to sustain the weight, but three stranded together may be quite of sufficient strength. Thus it may be in circumstantial evidence – there may be a combination of circumstances, no one of which would raise a reasonable conviction or more than a mere suspicion; but the whole taken together may create a conclusion of guilt with as much certainty as human affairs can require or admit of.*

In oltre fir-rigward tal-provi indizzjarji, Archbold jgħid li *where reliance has been placed by the prosecution on circumstantial evidence the proper approach is to determine whether a reasonable jury properly directed would be entitled to draw an adverse inference from the combination of factual circumstances by dismissing other possible explanations in relation to that evidence: Jabber [2006] EWCA Crim. 2694; G [2012] EWCA Crim. 1756. In London Borough of Haringey v. Tshilumbe, 174 J.P. 41, a senior environmental health practitioner for the local*

---

[119] Il-Pulizija v. Simeon Nicholas Sultana, deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fl-1 ta' Novembru 2001.

*authority had affixed a hygiene emergency prohibition notice to T's premises. After the notice was affixed he returned to the premises and found a group of individuals sitting at a table eating food from plates and drinking from cans. It was alleged that T had failed to comply with the notice as he had continued to operate the premises as a food business. The magistrates held that T had no case to answer as the local authority had produced no evidence that the food and drink that were on the table had been provided to the occupants of the premises by T in the course of a food business. It was held that justices had been wrong to find that there was no case to answer; it could be inferred from the circumstances that the premises were being used for a food business and the defendant should have explained himself at trial. Strong circumstantial evidence may be sufficient for the court to find a case to answer: Danells [2006] EWCA Crim. 628.6*

Fil-każ in eżami ma hemmx prova diretta tal-ftehim bejn l-imputat Luke Vella, l-imputat Marlon Baldacchino u Marcus John Calleja dwar it-twettiq tal-*hold up* fuq il-ħanut Crystal Palace, però l-Qorti hija tal-fehma li hemm provi indizzjarji biżżejjed li interpretati b'mod raġonevoli, ma jistgħux għajr li jwasslu għall-konklużjonili li l-imputat Luke Vella **u** l-imputat Marlon Baldacchino kienu kompliċi ma' Marcus John Calleja fl-attentat ta' serq ikkwalifikat bil-vjolenza, bil-mezz u bil-ħin ġewwa Crystal Palace, Triq il-Kbira, Żabbar, fit-13 ta' Novembru 2018, għall-ħabta tat-8:10p.m., a dannu ta' Joseph Attard. Konsegwentement tirriżulta l-ħtija tagħhom għat-tieni imputazzjoni dedotta fil-konfront tagħhom mingħajr però l-kwalifika tal-valur li jeċċedi s-somma ta' €2,329.37.

L-imputati Luke Vella u Marlon Baldacchino qed jiġu mixlija wkoll, bl-**ewwel imputazzjoni** dedotta fil-konfront tagħhom, talli fit-13 ta' Novembru 2018 u fil-ġranet ta' qabel ġewwa Malta u f'dawn il-Gżejjer, assoċjaw ruħhom flimkien ma' persuna oħra bil-għan li jagħmlu delitt/i f'Malta li għalihom hemm il-piena ta' priġunerija, u li ma kienx delitt taħt l-Att dwar l-Istampa. Kif ingħad iktar 'l fuq din l-imputazzjoni tinsab riflessa fin-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju ta' l-Avukat Ġenerali datata 20 ta' Awwissu 2021[120].

L-Artikolu 48A(1) u (2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, jipprovdi li: (1) *Kull min f'Malta jassoċja ruħu ma' xi persuna jew persuni f'Malta jew barra minn Malta bil-għan li jagħmel delitt f'Malta li għalih hemm il-piena ta' priġunerija, ikun ħati tar-reat ta' assoċjazzjoni biex jagħmel dak ir-reat. (2) L-assoċjazzjoni msemmija fis-subartikolu (1) tibda teżisti mill-waqt li fih xi sura ta' azzjoni tkun li tkun tiġi ippjanata jew miftiehma bejn dawk il-persuni.*

Kif osservat minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. Corrado Denaro,** deċiża fl-24 ta' Lulju 2024, *jissussisti r-reat in eżami* (ossia r-reat ta' Assoċjazzjoni ai termini ta' l-Artikolu 48A tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta) *jekk xi persuni jassoċjaw ruħhom bil-għan li jagħmlu delitt li għalih hemm il-piena ta' priġunerija, li jfisser li l-kommissjoni tar-reat hi eskluża f'każ li r-reat ippjanat ikun kontravvenzjoni jew delitt punibbli biss b'multa. Ukoll, sabiex jiġi applikat l-imsemmi artikolu 48A, irid jiġi*

[120] Fol. 763 u 764 tal-proċess.

*determinat liem' hu r-reat li l-Prosekuzzjoni tkun qed tallega li l-assoċjati jkunu ippjanaw jew ftehmu biex iwettqu, u kif tgħid il-liġi stess, l-assoċjazzjoni tibda teżisti mill-waqt li fih xi sura ta' azzjoni tkun li tkun tiġi ppjanata jew miftiehma bejn l-assoċjati fir-rigward ta' dan id-delitt. Mhux meħtieġ li t-twettiq tad-delitt ikun ippjanat sa' l-inqas dettall u bir-reqqa, u jingħad illi l-assoċjazzjoni teżisti anke mingħajr il-komplessità ta' struttura u pjanijiet ta' għaqda jew organizazzjoni, purchè jkun hemm qbil bejn żewġ partijiet jew iktar għal skop u għal għan komuni dwar il-modalitajiet ta' azzjoni biex jiġi kommess ir-reat stabbilit. Fis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali (Sup.) fil-kawża fl-ismijeit Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Ellul, datata 17 ta' Marzu 2005, il-Qorti għamlet referenza għal Archbold "Criminal Pleading, Evidence and Practice" (2003), dwar dan ir-reat in diżamina (conspiracy): "The essence of conspiracy is the agreement. When two or more agree to carry their criminal scheme into effect, the very plot is the criminal act itself: Mulcahy v. R (1868) L.R. 3 H.L. 306 at 317; R v. Warburton (1870) L.R. 1 C.C.R. 274; R. v. Tibbits and Windust (1902) 1 K.B. 77at 89; R. v. Meyrick and Ribuffi, 21 Cr. App. R. 94, CCA. Nothing need be done in pursuit of the agreement: O'Connell v. R. (1844) 5 St. Tr. (N.S.)1. "The agreement may be proved in the usual way or by proving circumstances from which the jury may presume it: R. v. Pasons (1763) 1 W.B1. 392; R. v. Murphy (1837) 8 C. & P. 297. Proof of the existence of a conspiracy is generally a "matter of inference, deduced from certain criminal acts of the parties accused, done in pursuance of an apparent criminal purpose in common between them": R. v. Brisac (1803) 4 East 164 at 171, cited with approval in Mulcahy v. R. (1868) L.R. 3 H.L. 306 at 317.*

Meta l-provi prodotti fil-każ in eżami jiġu kkunsidrati fid-dawl ta' dawn il-prinċipji ġuridiċi, huwa bil-wisq evidenti li dan ir-reat ta' assoċjazzjoni effettivament jissussisti u l-imputati Luke Vella u Marlon Baldacchino huma ħatja ta' l-istess. Kif osservat iktar 'l fuq, mill-provi in atti irriżulta: (i) il-ftehim bejn l-imputati u ma' Marcus John Calleja biex jitwettaq *hold up* fuq il-ħanut Crystal Palace; (ii) il-pjan biex dan il-*hold up* jitwettaq - l-imputat Luke Vella iwassal lil Calleja Ħaż-Żabbar, jipprovdih bl-arma u maskra u jistennieh biex wara jitilqu minn fuq il-post flimkien u l-imputat Marlon Baldacchino joqgħod *look out* matul it-twettiq tal-*hold up*; u anke rriżulta (iii) it-twettiq, jew ta' l-inqas il-bidu tat-twettiq ta' dan il-pjan biex iseħħ il-*hold up*. Apparte minhekk ir-reat li l-imputati ftehmu ma' Marcus John Calleja biex jitwettaq huwa, ai termini tal-Liġi, punibbli bi priġunerija.

Għaldaqstant il-Qorti tqis li l-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova lil hinn minn kull dubju raġonevoli l-ħtija ta' l-imputati Luke Vella u Marlon Baldacchino ta' l-ewwel imputazzjoni dedotta fil-konfront tagħhom flimkien.

**L-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront ta' l-imputat Luke Vella <u>waħdu</u>:**

Bl-**ewwel imputazzjoni** dedotta fil-konfront tiegħu <u>waħdu</u>, l-imputat Luke Vella qed jiġi mixli talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi u fil-ġranet ta' wara din id-data f'dawn il-Gżejjer, kellu fil-pussess tiegħu d-droga Kokaina speċifikata fl-Ewwel Skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap.101 tal-Liġijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġa mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-dispożizzjonijiet

tar-4 u s-6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort' oħra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skond ir-riċetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regoli ta' l-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap.101 tal-Liġijiet ta' Malta.

Bil-Kontro-Ordni maħruġ mill-Avukat Ġenerali fl-20 ta' Awwissu 2021[121], l-imputat Luke Vella ntbagħat sabiex jiġi pproċessat quddiem din il-Qorti fuq l-akkużi dedotti kontrih għall-ksur tal-provvedimenti ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap.101 tal-Liġijiet ta' Malta

Mill-provi prodotti jirriżulta li meta l-imputat Luke Vella ġie arrestat fl-14 ta' Novembru 2018 instabu fil-pussess tiegħu sustanzi suspettati droga. Dawn is-sustanzi, elevati mill-Pulizija u esebiti fl-atti ta' dawn il-proċeduri mill-Ispettur Fabian Fleri[122], ġew analizzati mill-Espert Forensiku l-Professur Emanuel Sinagra, minn liema analiżi rriżulta li fis-sustanza solida kafellatte fi tlett qratas tal-plastic trasparenti u fit-trab ta' lewn abjad f'qartas tal-plastic trasparenti nstabet is-sustanza kokaina li hija sustanza kkontrollata bil-Liġi taħt l-Ewwel Skeda tat-Taqsima I tal-Kap.101 tal-Liġijiet ta' Malta.

Fir-rigward ta' tali droga l-Espert Forensiku l-Professur Emanuel Sinagra ikkonkluda wkoll li *l-piż tas-solidu kafellatte kien ta' 0.435 grammi u l-purità kienet ta' ċirka 15%. Il-piż tat-trab abjad kien ta' 0.30 grammi u l-purità kienet ta' cirka 18%. Is-sustanza kokaina hija kkontrollata bil-liġi taħt l-Ewwel Skeda Taqsima I tal-Kapitlu 101 tal-Liġijiet ta' Malta*[123].

Da parte tiegħu l-imputat Luke Vella ma ressaq l-ebda prova li tista' b'xi mod tiġġustifika, tispjega jew tirregolarizza l-pussess ta' dawn is-sustanzi. Kull ma qal huwa li kien għaddej minn żmien diffiċili għaliex kienet telqitu omm it-tfal tiegħu u irrikorra għall-użu tad-drogi. Huwa evidenti għalhekk li l-imsemmi imputat effettivament kiser il-provvedimenti tal-Kap.101 tal-Liġijiet ta' Malta.

Fiċ-ċirkostanzi għalhekk il-Qorti tqis li l-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova lil hinn minn kull dubju raġonevoli li l-imputat Luke Vella huwa ħati ta' l-ewwel imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu waħdu.

Bit-**tieni** u t-**tielet imputazzjoni** dedotti fil-konfront tiegħu <u>waħdu</u>, l-imputat Luke Vella qed jiġi mixli talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkustanzi u fil-ġranet ta' wara din id-data f'dawn il-Gżejjer saq vettura ta' l-għamla Smart bin-Numru ta' Reġistrazzjoni FCP-937 fit-triq, kemm-il darba għall-użu ta' din il-vettura minnu ma kinitx fis-seħħ b'polza ta' assikurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi; u aktar talli fl-

---

[121] Fol. 765 tal-proċess.

[122] Dok. "FF7".

[123] Fol. 228 tal-proċess.

istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, saq vettura ta' l-għamla Smart bin-Numru ta' Reġistrazzjoni FCP-937 meta ma kellux liċenza tas-sewqan.

Bin-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju datata 20 ta' Awwissu 2021[124], l-Avukat Ġenerali bagħat lill-imputat Luke Vella sabiex jiġi ġġudikat minn din il-Qorti għall-ħtija jew ħtijiet maħsuba fl-Artikoli 3(1), 3(1A), 3(2), 3(2A) u 4 tal-Kap.104 tal-Liġijiet ta' Malta u fl-Artikolu 15(1)(a) tal-Kap.65 tal-Liġijiet ta' Malta.

Mill-provi prodotti jirriżulta li fiż-żgur fit-13 ta' Novembru 2018, fl-14 ta' Novembru 2018 u fid-29 ta' Novembru 2018, l-imputat kien qed jagħmel użu minn u jsuq vettura ta' l-għamla Smart Fourtwo Passion ta' kulur iswed bin-Numru ta' Reġistrazzjoni FCP-937. L-imsemmija vettura ġiet esebita formalment mill-Prosekuzzjoni - Dok.“FF4” u Dok. “FF5” a fol. 39 tal-proċess.

Mix-xhieda tar-rappreżentanti ta' Transport Malta, Brian Farrugia u Stephen Cachia, jirriżulta li l-vettura in kwistjoni hija reġistrata f'isem Maxine Vella, li tiġi oħt l-imputat, u li l-imputat Luke Vella ma kellux fiż-żmien pertinenti għal dawn il-proċeduri liċenzja tas-sewqan.

Fiċ-ċirkostanzi għalhekk jirriżulta li l-imputat Luke Vella effettivament saq vettura mingħajr ma kellu liċenza valida u li għalhekk saq vettura mingħajr kopertura assikurattiva.

Fir-rigward din l-aħħar osservazzjoni tal-Qorti, jingħad illi ladarba l-imsemmi imputat ma kienx liċenzjat biex isuq, ċertament ma setgħax ikun kopert b'polza ta' l-assikurazzjoni fir-rigward ta' sewqan ta' vettura. Hawn issir referenza għal dak osservat mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Joseph Gatt, Appell Nru. 265/2014** deċiża fit-18 ta' Jannar 2016: *illi minkejja li l-polza ta' assikurazzjoni tkopri biss lill-persuna li ċertament mhix l-appellant* [is-sewwieq fil-proċeduri in kwistjoni]*, l-istess appellant jargumenta li kien debitament assikurat u jagħmel dan għal żewġ raġunijet. L-ewwel argument tiegħu hu li l-policy schedule fil-paġna 19, jiġifieri dik sfilzata minn din il-Qorti, tipprovdi dwar dan. Bid-dovut rigward, il-paragrafu ċitat mill-appellant ma jgħidx, wisq anqas, jipprovdi dak pretiż mill-appellant iżda jghid biss illi f'każ li l-assikurazzjoni tkun kostretta tagħmel tajjeb għall-eventwalitajiet hemm imsemmija skond il-liġi, ikollha dritt li tirkupra dak il-ħlas mingħand il-persuna li minħabba fiha ikun sar il-ħlas. L-appellant imbagħad, in sostenn tat-tieni raġuni fl-aggravju tiegħu, jagħmel referenza għal sentenzi ta' din il-Qorti Il-Pulizija vs Angelo Scuderi (App Krim 3.11.2005) u Il-Pulizija vs Mirko Giannetti (App Krim 22.1.2014). B'dan, l-appellant irid issaħħah l-argument tiegħu illi la darba l-assikurazzjoni hi dejjem marbuta tagħmel tajjeb għal dejn ċivili favur terzi skond il-liġi, allura s-sewwieq ta' vettura huwa dejjem assikurat. Issa, traċċjat l-insenjament tal-Qrati tul iż-żmienijiet, jidher illi sas-sena 2005, l-Qrati tagħna dejjem fehemu dak li fis-semplicità tiegħu jipprovdi l-artikolu 3 tal-Kap 104, jiġifieri li ħadd ma jista' jsuq vettura bil-mutur jekk ma jkunx debitament assikurat biex jagħmel dan. Dik is-sentenza iżda tippernja fuq id-doveri tal-*

[124] Fol. 763 u 764 tal-proċess.

*kumpaniji tal-assikurazzjoni u bid-dovut rigward, l-obbligi u l-kundizzjonijiet li l-kumpaniji tal-assikurazzjoni jassumu mal-Awtoritajiet kompriż ir-Regolatur, sabiex tinħarġilhom u jżommu fis-seħħ il-liċenzji tagħhom bħala assikurazzjoni kompriż l-obbligi tagħhom li jieħu sehem f'pool bħala insurers concerned ma jistgħax jitqies li jeżonera lil kull sewwieq mill-obbligi tiegħu taħt il-Kapitolu 104. Tant hu hekk illi, għad li s-sentenza fl-ismijiet Scuderi kien font ta' referenza ghal diversi kawżi anke jekk mhix dejjem segwita, l-Qorti tal-Appell kellha ripensament u fis-sentenza tagħha Il-Pulizija vs Andre Apap tal-4 ta' Frar, 2011 rriteniet illi ma taqbilx mad-distinzjonijiet li saru minn din il-Qorti diversament preseduta fis-sentenzi tagħha Il-Pulizija vs Angelo Scuderi (3.11.2005), Il-Pulizija vs Stefan Apap (26.4.2007) u Il-Pulizija vs Charles Galea (7.5.2007) u oħrajn "dwar meta tiskatta l-preżunzjoni prevista fis-subartikolu 3(1A) tal-Kap 104. Is-subartikolu 3(1A) tal-Kap 104 huwa ċar u inekwivoku fil-portata tiegħu..". Din il-Qorti ma tara ebda raġuni għaliex għandha tagħti xi interpretazzjoni diversa ghal-artikolu 3(1) u 3(1A) tal-Kapitolu 104 u għalhekk tqis illi l-appellant ma kienx debitament assikurat.*

Mill-fedina penali ta' l-imputat Luke Vella a fol. 5 sa' 11 tal-proċess, jirriżulta wkoll li din hija r-raba' darba li l-istess imputat qed jinstab ħati li saq vettura mingħajr liċenzja u mingħajr kopertura assikurattiva.

Il-Qorti hija tal-fehma għalhekk li l-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova lil hinn minn kull dubju raġonevoli li l-imputat Luke Vella huwa ħati tat-tieni u tat-tielet imputazjzonijiet dedotti fil-konfront tiegħu waħdu.

Bir-**raba'** u l-**ħames imputazzjoni** dedotti fil-konfront tiegħu <u>waħdu</u> l-imputat Luke Vella qed jiġi mixli talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkustanzi u fil-ġranet ta' wara din id-data, f'dawn il-Gżejjer naqas milli jħares il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Maġistrat Dr. A. Vella LL.D., fid-Digriet tiegħu tal-5 ta' Jannar 2018 li bih ta il-ħelsien mill-arrest taħt depożitu ta' €500 u garanzija personali ta' €5,000; u fl-istess data, ħin, lok u ċirkustanzi u fil-ġranet ta' wara din id-data f'dawn il-Gżejjer naqas milli jħares il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Maġistrat Dr. A. Demicoli LL.D. fid-Digriet tagħha tad-29 ta' Frar 2016, li bih tat il-ħelsien mill-arrest taħt depożitu ta' €1,000 u garanzija personali ta' €4,000.

Bin-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju datata 20 ta' Awwissu 2021[125], l-Avukat Ġenerali bagħat lill-imputat Luke Vella sabiex jiġ ġġudikat minn din il-Qorti għall-ħtija jew ħtijiet maħsuba fl-Artikoli 579(1)(2) u 586 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Prosekuzzjoni, tramite l-Ispettur Matthew Spagnol, esebiet id-Digriet għall-Ħelsien mill-Arrest mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), Maġistrat Dr. Antonio Vella, datat 5 ta' Jannar 2018[126]. L-Ispettur Spagnol[127] ikkonferma li l-imsemmi Digriet ingħata fil-konfront ta' l-imputat Luke Vella. Fost il-kondizzjonijiet imposti

[125] Fol. 763 u 764 tal-proċess.

[126] Dok. "MS" a fol. 599 tal-proċess.

[127] Seduta tal-31 ta' Ottubru 2019, fol. 598 tal-proċess u seduta ta' l-10 ta' Diċembru 2019, fol. 618 tal-proċess.

fuq l-imputat Luke Vella hemm il-kondizzjoni li ma jwettaqx delitt ieħor ta' natura volontarja tul il-perijodu għall-ħelsien mill-arrest. Evidentement una volta li l-imputat Luke Vella f'dawn il-proċeduri qed jinstab ħati ta' diversi reati li seħħew wara l-ħruġ ta' l-imsemmi Digriet u meta l-istess kien għadu in vigore, jiġi li huwa kiser din il-kondizzjoni partikolari u għaldaqstant ivvjola d-Digriet għall-Ħelsien mill-Arrest datat 5 ta' Jannar 2018.

Il-Prosekuzzjoni, tramite l-Ispettur Joanna Piscopo, esebiet id-Digriet għall-Ħelsien mill-Arrest mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), Maġistrat Dr. Audrey Demicoli, datat 29 ta' Frar 2016[128]. L-Ispettur Justine Grech[129] ikkonfermat li l-imsemmi Digriet ingħata, fost persuni oħra, fil-konfront ta' l-imputat Luke Vella. Fost il-kondizzjonijiet imposti fuq l-imputat Luke Vella hemm il-kondizzjoni li ma jwettaqx delitt ieħor ta' natura volontarja tul il-perijodu għall-ħelsien mill-arrest. Evidentement una volta li l-imputat Luke Vella f'dawn il-proċeduri qed jinstab ħati ta' diversi reati li seħħew wara l-ħruġ ta' l-imsemmi Digriet u fiż-żmien meta kien għadu in vigore, jiġi li huwa kiser din il-kondizzjoni partikolari u għaldaqstant ivvjola d-Digriet għall-Ħelsien mill-Arrest datat 29 ta' Frar 2016.

Il-Qorti għalhekk tqis li l-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova lil hinn minn kull dubju raġonevoli li l-imputat Luke Vella huwa ħati tar-raba' u l-ħames imputazzjoni dedotti fil-konfront tiegħu waħdu.

Bis-**sitt imputazzjoni** dedotta fil-konfront tiegħu waħdu, l-imputat Luke Vella qed jiġi mixli talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkustanzi rrenda ruħu reċidiv ai termini ta' l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta permezz ta' diversi sentenzi mogħtija fil-konfront tiegħu mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi huma definittivi u ma jistgħux jinbidlu.

Bin-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju datata 20 ta' Awwissu 2021[130], l-Avukat Ġenerali bagħat lill-imputat Luke Vella sabiex jiġ ġġudikat minn din il-Qorti għall-ħtija jew ħtijiet maħsuba fl-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

In sostenn ta' din l-imputazzjoni l-Prosekuzzjoni, tramite l-Ispettur Lydon Zammit, esebiet is-segwenti sentenzi:

- "Il-Pulizija v. Rodrick Grima, Rennie Fava u Luke Vella" pronunċjata mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fl-14 ta' Ġunju 2010 - Dok. "C" a fol. 305 sa' 310 tal-proċess;
- "Il-Pulizija v. Luke Vella" pronunċjata mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fit-22 ta' Marzu 2018 - Dok. "D" a fol. 311 sa' 313 tal-proċess.

Mill-konnotati ta' Luke Vella f'dawn is-sentenzi jirriżulta ċar li l-istess ingħataw fil-konfront ta' l-imputat Luke Vella f'dawn il-proċeduri.

---

[128] Dok. "JP2" a fol. 544 tal-proċess.

[129] Seduta tal-31 ta' Ottubru 2019, fol. 603 tal-proċess u seduta 10 ta' Jannar 2020, fol. 623 tal-proċess.

[130] Fol. 763 u 764 tal-proċess.

Bis-sentenza fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Rodrick Grima, Rennie Fava u Luke Vella" pronunċjata mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fl-14 ta' Ġunju 2010, l-imputat Luke Vella nstab ħati ta' l-imputazzjonijiet hemm dedotti kontrih u ġie kkundannat għall-perijodu ta' tmintax-il xahar priġunerija sospiżi għall-perijodu ta' erba' snin mid-data tas-sentenza. Minn din is-sentenza ma kienx hemm appell hekk kif jirriżulta mix-xhieda ta' Stefania Scicluna[131], in rappreżentanza tar-Reġistratur Qrati Kriminali u Tribunali.

Bis-sentenza fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Luke Vella" pronunċjata mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fit-22 ta' Marzu 2018, l-imputat Luke Vella nstab ħati ta' l-imputazzjonijiet hemm dedotti fil-konfront tiegħu u ġie kkundannat għall-perijodu ta' erba' xhur priġunerija u multa komplessiva ta' €1,200. Minn din is-sentenza ma kienx hemm appell u fir-rigward ta' l-imputat Luke Vella jirriżulta li ma hemmx multi pendenti[132].

Peress illi r-reati li tagħhom l-imputat Luke Vella qed jinstab ħati f'dawn il-proċeduri seħħew fl-2018, isegwi li a bażi ta' dawn is-sentenzi l-imputat Luke Vella huwa reċidiv ai termini ta' l-Artikolu 49 u 50 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta. Peress illi l-kundanna odjerna ma hijiex l-ewwel kundanna ta' l-imputat Luke Vella għal reati taħt is-Sub-Titolu Fuq is-Serq, iżda hija t-tielet kundanna għal reat taħt l-imsemmi Titolu tal-Liġi[133], għandu jsegwi wkoll li huwa reċidiv ai termini ta' l-Artikolu 289 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

**L-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront ta' l-imputat Marlon Baldacchino waħdu**:

Bl-**ewwel imputazzjoni** dedotta fil-konfront tiegħu waħdu, l-imputat Marlon Baldacchino qed jiġi mixli talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkustanzi kiser il-provvedimenti ta' sentenza sospiża mogħtija fil-konfront tiegħu b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), Maġistrat Dr. D. Clarke LL.D., datata 11 ta' Ottubru 2017, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel.

Bin-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju datata 20 ta' Awwissu 2021[134], l-Avukat Ġenerali bagħat lill-imputat Marlon Baldacchino sabiex jiġi ġġudikat minn din il-Qorti għall-ħtija jew ħtijiet maħsuba fl-Artikoli 28A, 28B, 28Ċ, 28D, 28E u 28F tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Prosekuzzjoni, tramite l-Ispettur Lydon Zammit, ippreżentat is-sentenza fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Marlon Baldacchino" deċiża mill-Qorti tal-Minorenni fil-11 ta' Ottubru 2017 - Dok. "A" a fol. 300 tal-proċess. Jiġi osservat li ai termini ta' l-Artikolu 28Ċ(3) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, *għall-finijiet ta' dan l-artikolu ta' l-*

---

131 Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-2 ta' Ġunju 2021, fol. 747 tal-proċess.

132 Xhieda mogħtija minn Stefania Scicluna in rappreżentanza tar-Reġistratur Qrati Kriminali u Tribunali waqt is-seduta tat-2 ta' Ġunju 2021, fol. 747 tal-proċess.

133 Vide wkoll il-Fedina Penali ta' l-imputat Luke Vella a fol. 5 sa' 11 tal-proċes.

134 Fol. 763 u 764 tal-proċess.

*artikoli 28B u 28E - (b) il-Qorti tal-Minorenni għandha titqies li tkun Qorti tal-Maġistrati (Malta) jew Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), skond il-każ.*

Mill-konnotati ta' l-imputat f'dawk il-proċeduri huwa evidenti li l-imsemmija sentenza ngħatat fil-konfront ta' l-imputat f'dawn il-proċeduri, Marlon Baldacchino. Jirriżulta wkoll li minn dik is-sentenza ma kienx hemm appell. Bl-imsemmija sentenza tal-11 ta' Ottubru 2017, il-Qorti kienet sabet lill-imputat Baldacchino ħati ta' l-imputazzjonijiet hemm dedotti fil-konfront tiegħu u ikkundannatu għal kull waħda mill-ewwel ħames imputazzjonijiet ammenda ta' €40 u għas-sitt imputazzjoni kkundannatu għal tlett xhur priġunerija sospiżi għall-perijodu ta' tmintax-il xahar mid-data tas-sentenza.

Peress illi r-reati li tagħhom l-imputat Marlon Baldacchino qed jinstab ħati f'dawn il-proċeduri seħħew f'Novembru 2018, jirriżulta evidenti li dawn seħħew entro t-terminu operattiv tas-sentenza sopsiża u għaldaqstant jirriżulta ħati ta' l-ewwel imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu.

Fir-rigward il-Qorti tagħmel referenza u tqis li għandha tapplika dak provdut fl-Artikolu 28B(1) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, ossia li *meta persuna tinstab ħatja ta' reat li għalih hemm piena ta' priġunerija, li jkun sar matul il-perijodu operattiv ta' sentenza sospiża, u jew tkun hekk instabet ħatja minn jew quddiem Qorti kompetenti skond l-artikolu 28Ċ li tittratta magħha għar-rigward tas-sentenza sopsiża, jew sussegwentement tidher jew tinġieb quddiem dik il-qorti, f'dak il-każ, ħlief jekk is-sentenza tkun digà bdiet isseħħ, dik il-qorti għandha tordna li s-sentenza sospiża għandha tibda sseħħ.* Għal kull buon fini l-Qorti tosserva li mill-atti proċesswali ma jirriżultax li s-sentenza pronunċjata mill-Qorti tal-Minorenni fil-konfront ta' l-imputat Marlon Baldacchino fil-11 ta' Ottubru 2017 diga bdiet isseħħ.

Bit-**tieni imputazzjoni** dedotta fil-konfront tiegħu <u>waħdu</u>, l-imputat Marlon Baldacchino qed jiġi mixli talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkustanzi f'dawn il-Gżejjer naqas milli jħares il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Maġistrat Dr. Gabriella Vella LL.D., fid-Digriet tagħha ta' l-4 ta' Novembru 2018 li bih tat il-ħelsien mill-arrest taħt depożitu ta' €100 u garanzija personali ta' €2,000.

Bin-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju datata 20 ta' Awwissu 2021[135], l-Avukat Ġenerali bagħat lill-imputat Marlon Baldacchino sabiex jiġi ġġudikat minn din il-Qorti għall-ħtija jew ħtijiet maħsuba fl-Artikoli 579(1)(2) u 586 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Prosekuzzjoni, tramite l-Ispettur Joanna Piscopo, esebit id-Digriet għall-Ħelsien mill-Arrest maħruġ mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), Maġistrat Dr. Gabriella Vella, fl-4 ta' Novembru 2018 - Dok. "JP1" a fol. 543 tal-proċess. L-Ispettur Paul Camilleri[136] ikkonferma li l-imsemmi Digriet għall-Ħeslien mill-Arrest ingħata, fost

[135] Fol. 763 u 764 tal-proċess.

[136] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-23 ta' Settembru 2019, fol. 580 u 581 tal-proċess.

persuni oħra, fil-konfront ta' l-imputat Marlon Baldacchino u kkonferma wkoll li fiż-żmien pertinenti għal dawn il-proċeduri tali Digriet kien għadu in vigore.

Fost il-kondizzjonijiet imposti fuq l-imputat Marlon Baldacchino hemm il-kondizzjoni li ma jwettaqx delitt ieħor ta' natura volontarja tul il-perijodu għall-ħelsien mill-arrest. Evidentement una volta li l-imputat Baldacchino f'dawn il-proċeduri qed jinstab ħati ta' diversi reati, jiġi li huwa kiser din il-kondizzjoni partikolari u għaldaqstant ivvjola d-Digriet għall-Ħelsien mill-Arrest datat 4 ta' Novembru 2018, li per di più ngħata biss ftit ġranet qabel ma twettaq l-attentat ta' *hold up* fuq il-ħanut Crystal Palace.

Il-Qorti għalhekk tqis li l-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova lil hinn minn kull dubju raġonevoli li l-imputat Marlon Baldacchino huwa ħati tat-tieni imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu waħdu.

Bit-**tielet imputazzjoni** dedotta fil-konfront tiegħu <u>waħdu</u> l-imputat Marlon Baldacchino qed jiġi mixli talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkustanzi rrenda ruħu reċidiv ai termini ta' l-Artikoli 49 u 289 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, permezz ta' diversi sentenzi mogħtija fil-konfront tiegħu mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi huma definittivi u ma jistgħux jinbidlu.

Bin-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju datata 20 ta' Awwissu 2021[137], l-Avukat Ġenerali bagħat lill-imputat Marlon Baldacchino sabiex jiġi ġġudikat minn din il-Qorti għall-ħtija jew ħtijiet maħsuba fl-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

In sostenn ta' din l-imputazzjoni l-Prosekuzzjoni, tramite l-Ispettur Lydon Zammit, ippreżentat is-segwenti sentenzi:

- "Il-Pulizija v. Marlon Baldacchino" pronunċjata mill-Qorti tal-Minorenni fil-11 ta' Ottubru 2017 - Dok. "A" a fol. 300 sa' 302 tal-proċess;
- "Il-Pulizija v. Marlon Baldacchino" pronunċjata mill-Qorti tal-Minorenni fl-1 ta' Ġunju 2016 - Dok. "B" a fol. 303 u 304 tal-proċess.

Peress illi r-reati li tagħhom l-imputat Marlon Baldacchino qed jinstab ħati f'dawn il-proċeduri seħħew tul il-perijodu operattiv tas-sentenza msemmija, ossia dik pronunċjata fil-11 ta' Ottubru 2017, liema sentenza già ġie stabbilit li ngħatat fil-konfront ta' l-imputat Baldacchino f'dawn il-proċeduri, japplika dak provdut fl-Artikolu 28F tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, ossia li *meta l-qorti tkun qegħda tittratta ma' ħati dwar reat, li għalih hemm piena ta' priġunerija, li jkun sar fil-perijodu operattiv ta' sentenza sospiża, hija għandha tqisu bħala reċidiv fit-tifsir tal-artikolu 49 sabiex tqis il-piena li jkun jistħoqq għal dak ir-reat l-ieħor, iżda l-piena mogħtija fis-sentenza sospiża ma għandhiex titqies għall-finijiet ta' l-artikolu 50 ħlief jekk dik is-sentenza tkun bdiet isseħħ u sakemm dik il-piena ma tkunx ġiet skontata jew maħfura.*

[137] Fol. 763 u 764 tal-proċess.

It-tieni sentenza esebita mill-Prosekuzzjoni, ossia dik fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Marlon Baldacchino pronunċjata mill-Qorti tal-Minorenni fl-1 ta' Ġunju 2016, jirriżulta, mill-konnotati fl-istess, li ngħatat fil-konfront ta' l-imputat Marlon Baldacchino f'dawn il-proċeduri. B'dik is-sentenza l-imputat Marlon Baldacchino instab ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti kontrih u b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 22 tal-Kap.446 tal-Liġijiet ta' Malta ġie lliberat bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien sena.

B'din is-sentenza l-Prosekuzzjoni bl-ebda mod ma tista' tipprova r-reċidiva fil-konfront ta' l-imputat ai termini ta' l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta u dana billi ai termini ta' l-Artikolu 25(1) tal-Kap.446 tal-Liġijiet ta' Malta,: *(1) Bla ħsara għal dak hawn iktar 'il quddiem provdut, dikjarazzjoni ta' ħtija dwar xi reat li dwaru ssir ordni taħt dan l-Att li bih il-ħati jitqiegħed taħt sanzjoni komunitarja jew li tkun tillibera lill-ħati għal kollox jew kondizzjonalment għandha titqies bħala li ma tkunx dikjarazzjoni ta' ħtija għal ebda fini li jkun, minbarra - (a) il-finijiet tal-proċeduri li fihom issir l-ordni u ta' kull proċedura sussegwenti li tista' tittieħed kontra l-ħati taħt id-disposizzjonijiet ta' qabel ta' dan l-Att, u (b) fil-każ ta' uffiċjal pubbliku, il-finijiet jew kull proċedura dixxiplinari li tista' tittieħed kontra, jew kull punizzjoni dixxiplinari li tista' tiġi imposta fuq dak l-uffiċjal pubbliku b'konsegwenza ta' xi tali dikjarazzjoni ta' ħtija jew ta' xi wieħed mill-fatti li jikkostitwixxu r-reat...*

A propożitu fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Christopher Agius**, deċiża mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-17 ta' Settembru 2004, ġie osservat illi: *l-Avukat Ġenerali appella mis-sentenza mogħtija mill-ewwel Qorti peress li jsostni li tat piena li fix-xorta jew fil-kobor tagħha mhijiex dik ikkontemplata mil-liġi għar-reati li fuqhom l-appellat ġie misjub ħati. Huwa jispjega li l-aggravju tiegħu jikkonsisti fil-fatt li l-ewwel Qorti invokat u applikat id-disposizzjoni ta' l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali sabiex setgħet tagħti sentenza ta' priġunerija sospiża għal perijodu meta kienet prekluża milli tagħmel dan ġaladarba l-appellat kien qiegħed jinstab ħati ukoll li rrenda ruħu reċidiv. Il-liġi f'dan ir-rigward hija ċarissima w inekwivoka. Is-subartikolu (7) ta' l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali jiddisponi li ordni li permezz tagħha sentenza ta' priġunerija tiġi sospiża "ma għandux isir ... (b) meta l-ikkundannat ikun reċidiv fit-termini ta' l-artikolu 50". Meta l-appellat ammetta l-akkużi dedotti kontra tiegħu, kien qiegħed jammetti wkoll l-akkuża li kien sar reċidiv. Difatti fis-sentenza tagħha l-ewwel Qorti rriferiet anke għall-artikoli 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali. Jiġifieri prima facie jidher li l-appellant għandu raġun u li l-ewwel Qorti kienet prekluża milli tapplika l-provvedimenti relattivi tal-Kodiċi Kriminali dwar sentenza sospiża fil-konfront ta' l-appellat. Dak li qiegħed jippreokkupa din il-Qorti però huwa l-fatt li l-appellat ġie addebitat b'reċidiva dwar sentenza li permezz tagħha huwa kien tqiegħed taħt probation għal perijodu ta' tliet snin skond l-artikolu 7 tal-Kap. 446. Għalhekk, QATT MA SETA' JIĠI ADDEBITAT MILL-PULIZIJA EŻEKUTTIVA BIR-REĊIDIVA DWAR DIK IS-SENTENZA. U m'hemm l-ebda dubju dwar liema sentenza din l-imputazzjoni kienet qed tirreferi. Persuna titqies li hija reċidiva "jekk, wara li tkun ġiet ikkundannata għal reat b'sentenza li tkun saret definittiva, tagħmel reat ieħor" (artikolu 49 tal-Kap. 9). U s-subartikolu (1) ta' l-artikolu 25 ta' l-Att dwar il-Probation (Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta) jipprovdi: "Bla ħsara għal*

*dak hawn iktar 'il quddiem provdut, dikjarazzjoni ta' ħtija dwar xi reat li dwaru ssir ordni taħt dan l-Att li bih il-ħati jitqiegħed taħt sanzjoni komunitarja jew li tkun tillibera lill-ħati għal kollox jew kondizzjonalment għandha titqies bħala li ma tkunx dikjarazzjoni ta' ħtija għal ebda fini li jkun, minbarra - (a) l-finijiet tal-proċeduri li fihom issir l-ordni u ta' kull proċedura sussegwenti li tista' tittieħed kontra l-ħati taħt id-disposizzjonijiet ta' qabel ta' dan l-Att, u (b) fil-każ ta' uffiċjal pubbliku, il-finijiet jew kull proċedura dixxiplinari li tista' tittieħed kontra, jew kull punizzjoni dixxiplinari li tista' tiġi imposta fuq dak l-uffiċjal pubbliku b'konsegwenza ta' xi tali dikjarazzjoni ta' ħtija jew ta' xi wieħed mill-fatti li jikkostitwixxu r-reat". Il-każ odjern ma jaqa' taħt l-ebda waħda mis-sitwazzjonijiet fil-paragrafi (a) jew (b). Konsegwentement id-dikjarazzjoni ta' ħtija fil-proċeduri kontra l-appellat u li temmew bis-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati tat-28 ta' Marzu 2003 li permezz tagħha huwa tqiegħed taħt probation għal perijodu ta' tliet snin, ma setgħet QATT titqies bħala dikjarazzjoni ta' ħtija għall-finijiet ta' reċidiva.*

Fid-dawl ta' dan osservat għalhekk il-Prosekuzzjoni, bis-sentenza fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Marlon Baldacchino" pronunċjata mill-Qorti tal-Minorenni fil-11 ta' Ottubru 2017, irnexxielha tipprova lil hinn minn kull dubji raġonevoli li l-imputat Marlon Baldacchino huwa reċidiv biss ai termini ta' l-Artikolu 49 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Piena:**

Għall-finijiet ta' piena l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li tagħhom l-imputati Luke Vella u Marlon Baldacchino qed jinstabu ħatja, fosthom il-ksur ta' kundizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest, li fil-każ ta' żewġ istanzi partikolari ngħataw fil-5 ta' Jannar 2018 fir-rigward ta' l-imputat Luke Vella u fl-4 ta' Novembru 2018 fir-rigward ta' Marlon Baldacchino. Ħadet in konsiderazzjoni wkoll il-fatt li l-ewwel imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputati Luke Vella u Marlon Baldacchino flimkien hija assorbita fit-tieni imputazzjoni dedotta fil-konfront tagħhom flimkien.

Fir-rigward ta' l-imputat Luke Vella ħadet in konsiderazzjoni wkoll il-fatt illi huwa ma għandux liċenzja tas-sewqan u diversi drabi tressaq fir-rigward u ġie debitament sentenzjat, iżda huwa jippersisti li jibqa' jsuq mingħajr liċenzja. Ħadet in konsiderazzjoni wkoll il-fatt li t-tielet imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu waħdu hija assorbita fit-tieni imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu waħdu u li r-raba' u ħames imputazzjoni dedotti fil-konfront tiegħu waħdu jikkostitwixxu reat kontinwat ai termini ta' l-Artikolu 18 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Ħadet in konsiderazzjoni wkoll li fil-każ in eżami japplika l-Artikolu 17(b) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Decide:**

Għaldaqstant wara li:

A. Rat l-Artikoli 17(b)(h), 18, 31, 41(1)(a), 42(ċ)(e), 43, 44, 45, 48A(1)(2)(3)(4), 49, 50, 261(a)(b)(f), 262(1)(b), 263(b), 270, 276, 277(b), 289 u 579(2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Artikoli 9(1)(e), 10, 22(1)(a)(2)(b)(ii) u l-Ewwel Skeda tal-Kap.101 tal-Liġijiet ta' Malta, ir-Regolament 9 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 101.02, l-Artikoli 3(1)(1A)(2)(ċ) tal-Kap.104 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Artikolu 15(1)(a) tal-Kap.65 tal-Liġijiet ta' Malta, issib lill-imputat **Luke Vella** ħati ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tiegħu u tikkundannah għall-perijodu ta' tnejn u tletin (32) xahar priġunerija effettiva.

Ai termini ta' l-Artikolu 579(2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, tordna l-konfiska tas-segwenti:

- Tas-somma ta' €500 rappreżentanti d-depożitu **u** tas-somma ta' €2,000 mill-garanzija personali ta' €5,000 imposti fuq l-imputat Luke Vella bid-Digriet għall-Ħelsien mill-Arrest maħruġ mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) datat 5 ta' Jannar 2018;
- Tas-somma ta' €500 mid-depożitu ta' €1,000 impost fuq l-imputat Luke Vella bid-Digriet għall-Ħelsien mill-Arrest maħruġ mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) datat 29 ta' Frar 2016.

Ai termini ta' l-Artikolu 23 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna l-konfiska tal-mobiles ta' l-għamla Huawei u Samsung Galaxy elevati mill-pussess ta' l-imputat Luke Vella esebiti bħala Dok. "FF2" - Esebit Nru. KA102/2019.

Ai termini ta' l-Artikolu 3(2)(ċ)(i) tal-Kap.104 tal-Liġijiet ta' Malta, tordna l-konfiska tal-vettura ta' l-għamla Smart Fourtwo Passion bin-Numru ta' Reġistrazzjoni FCP-937.

Ai termini ta' l-Artikolu 3(2A) tal-Kap.104 tal-Liġijiet ta' Malta, tordna li l-imputat Luke Vella jiġi skwalifikat milli jkollu jew jikseb liċenza tas-sewqan għall-perijodu ta' erbgħa u għoxrin (24) xahar mid-data ta' din is-sentenza.

Ai termini ta' l-Artikolu 22(2)(b)(ii) tal-Kap.101 tal-Liġijiet ta' Malta, tordna l-konfiska u d-distruzzjoni tad-droga Kokajina (sustanza solida kaffelatte u trab abjad), Dok. "FF7" a fol. 234 tal-proċess.

B. Rat l-Artikoli 17(b)(h), 18, 31, 41(1)(a), 42(d), 43, 44, 45, 48A(1)(2)(3)(4), 49, 261(a)(b)(f), 262(1)(b), 263(b), 270, 276, 277(b) u 579(2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, issib lill-imputat **Marlon Baldacchino** ħati taż-żewġ imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu flimkien ma' l-imputat Luke Vella u issibu ħati wkoll tat-tieni u tat-tielet imputazzjoni (din ta' l-aħħar limitatament għall-Artikolu 49 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta) dedotti fil-konfront tiegħu waħdu u tikkundannah għall-perijodu ta' tmintax-il (18) xahar priġunerija effettiva.

Ai termini ta' l-Artikolu 579(2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta l-Qorti tordna l-konfiska tas-somma ta' €100 rappreżentanti d-depożitu u tas-somma ta' €2,000

rappreżentanti l-garanzija personali imposti fuqu bid-Digriet għall-Ħelsien mill-Arrest maħruġ mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) datat 4 ta' Novembru 2018.

Ai termini ta' l-Artikolu 23 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, tordna l-konfiska tal-mobile elevat mill-pussess ta' l-imputat Marlon Baldacchino esebit bħala Dok. "FF8" - Esebit Nru. KA102/2019.

U wara li:

Rat l-Artikoli 28B(1), 28Ċ(1)(3)(b) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, issib lill-imputat **Marlon Baldacchino** ħati ta' l-ewwel imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu u għaldaqstant tordna li s-sentenza sospiża fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Marlon Baldacchino" pronunċjata mill-Qorti tal-Minorenni fil-11 ta' Ottubru 2017, fejn ġie kkundannat għal tlett (3) xhur priġunerija, tibda isseħħ.

Il-Qorti tagħmilha ċara li fid-dawl ta' l-ordnijiet ta' konfiska appena imposti fuq l-imputati Luke Vella u Marlon Baldacchino rispettivament, sabiex kull wieħed minnhom jista' jkompli jibbenefika mill-ħelsien mill-arrest konċess lil kull wieħed minnhom bid-Digrieti tal-5 ta' Jannar 2018 u tad-29 ta' Frar 2016 fil-każ ta' l-imputat Luke Vella u ta' l-4 ta' Novembru 2018 fil-każ ta' l-imputat Malron Baldacchino, wara tali konfiski tad-depożiti u garanziji personali skond il-każ, huma jkollhom jerġgħu jagħmlu depożiti u garanzija personali, skond il-każ, għall-ammont kollu oriġinarjament ordnat. Fin-nuqqas li kull wieħed miż-żewġ imputati jonqos milli jagħmel dan huma, jew min minnhom ikun naqas, ma jkunux qed jottemperaw ruħhom ma' dak fuq kull wieħed minnhom impost għall-finijiet tal-benefiċċju tal-ħelsien mill-arrest lil kull wieħed minnhom konċess, u b'hekk jkunu, jew min minnhom, qed jirrendu lilhom infushom, jew lil min minnhom, suġġetti għar-riarrest tagħhom, jew min minnhom, sakemm jiġu, jew min minnhom, hekk in ottemperanza mal-benefiċċju konċess lil kull wieħed minnhom.

Miż-żmien ta' priġunerija effettiva hawn impost fuq kull wieħed mill-imputati għandu jitnaqqas dak iż-żmien li kull wieħed minnhom għamel taħt arrest preventiv in konnessjoni ma' dan il-każ.

In fine ai termini ta' l-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li l-imputati Luke Vella u Marlon Baldacchino **flimkien u in solidum bejniethom** iħallsu lir-Reġistratur Qrati Kriminali u Tribunali s-segwenti ammonti rappreżentanti spejjeż in konnessjoni man-nomina ta' l-Esperti hawn indikati:

- Is-somma komplessiva ta' €1,236.26 rappreżentanti spejjeż inkorsi in konnessjoni man-nomina ta' l-Espert Tekniku Keith Cutajar[138];
- Is-somma komplessiva ta' €592.71 rappreżentanti spejjeż inkorsi in konnessjoni man-nomina ta' l-Espert Tekniku l-Perit Richard Aquilina[139] - komplessivament ammontanti għal **€1,828.97**.

[138] Fol. 217 u 740 tal-proċess.

[139] Fol. 668 u fol. 718 tal-proċess.

In oltre dejjem ai termini ta' l-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tikkundanna lill-imputat **Luke Vella waħdu** jħallas lir-Reġistratur Qrati Kriminali u Tribunali s-somma ta' **€305.57** rappreżentanti spejjeż inkorsi in konnessjoni man-nomina ta' l-Espert Forensiku l-Professur Emanuel Sinagra[140].

Kemm-il darba dawn l-ispejjeż ma jitħallsux mill-imputati skond kif premess, ir-Reġistratur Qrati Kriminali u Tribunali jkun jista' jipproċedi fil-konfront ta' kull wieħed minnhom, skond il-każ, ai termini ta' l-Artikolu 533(2) u/jew (3) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

**MAĠISTRAT**

**DEPUTAT REĠISTRATUR**

---

[140] A tergo ta' fol. 228 tal-proċess.